OLIVER FRIGGIERI

# L-ISTORJA TAL-POEŻIJA MALTIJA

## IT-TLAQQIGĦ TA' ŻEWĠ TRADIZZJONIJIET

### L-isfond storiku-kulturali

L-istorja tal-letteratura Maltija tista' tingħad li tirrifletti f'bosta modi l-mixja storika tal-komunità Maltija. Dan jgħodd għal kull letteratura oħra li titqies fid-dawl nazzjonali tagħha, iżda jgħodd wisq aktar fil-każ ta' pajjiż bħal Malta, li hi gżira, għandha esperjenza twila ta' ħakmiet barranin u hi nieqsa minn tradizzjoni filosofika ħajja. Dawn il-kundizzjonijiet iwasslu biex ir-rabta bejn il-kitba u r-realtà immedjata u konkreta tkun wisq akbar, u biex il-kitba stess tissarraf sikwit f'dokument tal-ħajja soċjali fi żmien jew ieħor. Minħabba li, wisq iżjed milli fil-każ ta' artijiet akbar, Malta qatt ma setgħet tgħaddi mingħajr kuntatti internazzjonali, fihom infushom kważi ta' influwenzi u adattamenti, din l-istorja (politika, soċjali, kulturali) ma tistax ma tiħux bixra komparata; ma tistax tinħaseb u tinkiteb mingħajr riferimenti għal artijiet oħrajn.

Ir-rabta ewlenija ta' Malta matul sekli sħaħ hi ma' l-Italja, l-eqreb art, u fiha nnifisha l-punt tar-riferiment għall-kultura Mediterranja-Ewropea li fil-biċċa l-kbira tispjega kulma seħħ fil-qasam letterarju daqskemm fl-osqma l-oħra tal-kultura. Din il-qrubija twila wasslet biex bħallikieku ma kienx hemm qtugħ jew distinzjoni spiritwali u kulturali bejn iż-żewġ artijiet, waħda kbira ħafna u l-oħra żgħira ħafna; it-tnejn bejniethom bħallikieku sawru għal żmien twil espressjoni ġeografika-kulturali waħda. Il-qagħda bdiet titbiddel malli l-moviment romantiku, imdaħħal f'Malta mill-Italja stess bis-saħħa ta' din ir-rabta, ġab miegħu l-prinċipji tal-ħelsien politiku, ta' l-identità nazzjonali, tad-dinjità lingwistika u l-bqija.

Id-distinzjoni ewlenija hi lingwistika, u mhux l-aktar kulturali jew psikoloġika. Meta jitqiesu ż-żewġ ilsna ewlenin li qdew il-funzjoni ta' mezzi ta' espressjoni tal-komunità Maltija, ikollha ssir id-distinzjoni bejn it-Taljan u l-Malti. (Id-distinzjoni bejn l-Ingliż u l-Malti tiġi ħafna żmien wara; imqar jekk l-Ingliż hu preżenti sa mill-bidu tal-ħakma Ingliża, l-influwenza tiegħu kellha tistenna snin twal sakemm tinżel fil-qiegħ tas-sensibilità letterarja Maltija). Għal għadd ta' raġunijiet, ir-relazzjoni bejn it-Taljan u l-Malti baqgħet titqies għal żmien twil bħala kontroversjali, għajn ta' polemika politika u kulturali, bħallikieku bħala l-laqgħa stramba bejn kultura Latina, meqjuma tul sekli sħaħ fil-gżira, u kultura Semitika, marbuta l-aktar mal-binja Għarbija ta' l-ilsien mitħaddet li, min-naħa l-oħra minħabba r-rabta kulturali ma' l-Italja, kellu jistagħna b'bosta elementi Romanzi.

Il-*Kantilena* ta' Pietru Caxaro (m. 1485) stess hi x-xhieda bikrija tat-twaħħida ta' żewġ tradizzjonijiet u kulturi differenti fi ħdan l-esperjenza Maltija. Fiha, poeżija miktuba madwar nofs is-seklu ħmistax, hemm sa minn kmieni l-linja ġenerali li l-poeżija Maltija mbiegħda taż-żminijiet ta' wara kellha timxi fuqha. Għalkemm kważi kull kelma magħżula minn Caxaro hi ta' nisel Għarbi, din il-kitba tiftaħ diġà

l-mogħdija għall-forma poetika Ewropea, jew aħjar Taljana, tal-moviment romantiku Malti. Il-versi jsawru allegorija u jfakkru fil-poeżija mosarabika ta' Spanja. Bħala regola l-versi jidhru mfasslin fuq l-endekasillabu. Minħabba d-diffikultà li tippreżenta l-ortografija tagħha li tfittex li tittraskrivi arbitrarjament ilsien Semitiku bl-alfabett Ruman, l-armonija tal-vers tal-ħdax ma toħroġx nadifa u ċara għal kollox; dan, madankollu, iseħħ minħabba dak li jidher bħala dħul żejjed ta' sillaba waħda mhux aċċentata, jew aktar minn waħda, fi ħdan is-sensiela tal-aċċenti ewlenin.

Stħarriġ komparat jista' jqiegħed lil din il-poeżija fil-kwadru tal-poeżija Taljana. L-importanza storika kbira tagħha bħala dokument bikri ta' l-ilsien Malti tissieħeb ma' l-importanza tagħha ta' kitba poetika solitarja fi żmienha u ta' poeżija li tbassar minn kmieni ż-żwieġ ġejjieni bejn ilsien Semitiku u tradizzjoni poetika Taljana. L-isforzi poetiċi bikrija bil-Malti qabel Ġan Anton Vassallo, il-poeta ewlieni tas-seklu dsatax li miegħu l-poeżija tibda l-mixja deċiża ta' l-iżvilupp letterarju, huma wkoll eżempji ta' l-istess regola waħdanija. Ġan Franġisk Bonamico (1639–1680), Francesco Wzzino (1694–1777), Ġan Franġisk Agius de Soldanis (1712–1770), Gioacchino Navarro (1748–1813), Patri Fidiel (1672c–1824), Vincenzo Caruana (m. 1824) u oħrajn jidħlu fil-poeżija bil-Malti skond il-mudelli tal-poeżija Taljana.

**Il-mogħdija minn tradizzjoni għal oħra**

Qabel ma jingħaraf il-fatt storiku li l-Malti sar l-ilsien ewlieni tal-kultura letterarja biex b'hekk ftit jew wisq minn żmien Mikiel Anton Vassalli (1764–1829) 'l quddiem inbniet il-letteratura Maltija bħala moviment nazzjonali, għandha tingħaraf it-tifsira kumplessa tal-konfront bejn it-Taljan u l-Malti, żewġ ilsna differenti fi ħdan komunità nazzjonali mill-iċken. Il-preġudizzji tradizzjonali kellhom jgħibu maż-żmien, bis-saħħa ta' ħsieb demokratiku ġdid li wasal mill-kontinent, u l-iżjed mill-Italja stess. Iżda qabel ma seta' jseħħ dan, kollox kellu jittaħħat għal eżami li jsaqsi u jwieġeb kulma t-tradizzjoni qatgħet linja dritta dwaru.

Dan hu s-siwi l-aktar fejjiedi tal-Kwistjoni tal-Lingwa, li tista' titqies bħala wieħed mill-movimenti politiċi-kulturali ewlenin bejn l-aħħar għoxrin sena tas-seklu dsatax u l-ewwel erbgħin sena tas-seklu għoxrin. Il-qofol tad-dibattitu fi ħdan il-Kwistjoni tal-Lingwa–il-mistoqsija "Liema hi l-lingwa tal-Maltin?"–hu mnissel mill-mistoqsija l-kbira: "Min huma l-Maltin?" Hekk wasal fuq il-kuxjenza Maltija l-waqt li jitwieġbu l-mistoqsijiet kollha li l-moviment romantiku Ewropew, għallinqas fl-aspett nazzjonalistiku tiegħu, bena fuqhom epoka ġdida sħiħa. Dan l-isfond jispjega għala l-poeżija Maltija tal-perjodu, bħall-bqija tal-letteratura, tisħaq ħafna fuq l-għarfien ta' l-identità nazzjonali u tagħti importanza kbira lil għadd ta' xejriet li jsawruha sakemm tissawwar definizzjoni ideali ta' Malta stess. Il-Kwistjoni tal-Lingwa tispjega wkoll għala l-poeti jfittxu li jagħrfu l-ħażna tal-vokabularju Semitiku u jinqdew bih sal-punt li bħala regola jħallu barra kull kelma Maltija oħra ta' nisel ieħor.

Flimkien ma' dan kollu hemm l-influwenza kbira li ħallew il-bosta eżiljati Taljani li fittxu l-kenn f'Malta matul ir-Risorġiment, u l-aktar matul is-snin 1804–1860. Fuq in-naħa l-oħra hemm il-ħakma kolonjali Ingliża u l-isforzi biex il-kultura fil-pajjiż taqbad toroq oħra, l-iżjed billi titnaqqas l-importanza tal-kultura Taljana. Imħaxken bejn żewġ kulturi kbar f'konflitt bejniethom fi gżira ċkejkna fi ħdan komunità mill-iċken, kien hemm il-Malti, sajjem minn tradizzjoni letterarja miktuba, nieqes saħansitra minn sistema ortografika normalizzata, imgħobbi bil-preġudizzju kontra n-nisel mhux Ewropew tiegħu. Il-ħidma letterarja bikrija, għalhekk, kellha għadd ta' sfidi li ma kinux letterarji.

L-Għarab ħadu 'l Malta fit-870 A.D. u b'hekk qiegħdu s-sisien għall-ilsien li llum hu magħruf bħala l-Malti. Mill-ħakma Normanna (1090 A.D.) 'l quddiem l-ilsien tal-gżira beda jinfetaħ għal influwenzi mhux-Għarbin, proċess li wessa' l-medda lessikali u kattar il-mudelli sintattiċi tiegħu, u li fis-sewwa esponieh għal bixra ta' ħajja differenti ħafna. It-tlaqqigħ bejn żewġ ilsna, jew żewġ sferi ta' kulturi, kellu maż-żmien isir il-qofol tal-kitba letterarja bil-Malti stess. Il-poeżija Maltija, bħall-ġeneri letterarji l-oħra, ma tistax tiftiehem 'il barra minn dawn il-kundizzjonijiet; huma jagħtuha t-tifsira lokali daqskemm internazzjonali tagħha bħala esperjenza kulturali fi ħdan storja ta' reġjun jew kontinent sħiħ.

Meta titqies il-preżenza qadima taż-żewġ ilsna f'Malta, l-ewwel konklużjoni miksuba hi li l-Malti hu eqdem mit-Taljan bħala lsien mitħaddet, waqt li qajla hemm prova li t-Taljan kien qatt imħaddem bħala lsien mitħaddet minn xi taqsima tal-popolazzjoni. Meta l-Malti beda jinkiteb ġmielu fis-seklu sbatax u mbagħad wisq aktar fis-sekli tmintax u dsatax, it-Taljan kien diġà sseddaq bħala l-ilsien kulturali waħdani tal-gżira u kellu tradizzjoni letterarja lokali xierqa. Wieħed mill-eqdem dokumenti bit-Taljan, fost l-oħrajn, imur lura sa l-1409. Fost ix-xogħlijiet bikrija tista' tissemma *La Historia di Malta nuovamente composta in ottava rima, per Antonio Pugliese, l'anno 1565 delli 10 di maggio,* imxandra f'Venezja fl-1585. Il-lista ta' xogħlijiet letterarji oħrajn miktubin u mxandra f'Malta minn kittieba Taljani tinkludi *San Paolo a Malta,* epika li Vincenzo Belloni (1839–1878) xandar fl-1875 wara li għadda ħames snin fil-gżira. Minn meta deher il-ktieb ta' Geronimo Marulli, *I natali delle religiose militiae de' Cavalieri* (1643), Malta rawmet tradizzjoni sħiħa ta' pubblikazzjonijiet bit-Taljan, l-aktar storiċi u letterarji. Din it-tradizzjoni nqatgħet biss madwar nofs is-seklu għoxrin, jiġifieri żmien twil ħafna wara li twieldet it-tradizzjoni letterarja nazzjonali bil-Malti.

Waqt li l-Malti għandu l-prijorità storika fil-livell ta' l-ilsien mitħaddet, it-Taljan għandu l-prijorità bħala l-ilsien miktub kważi waħdani għall-itwal medda ta' żmien. L-ilsien tal-kotra kellu jistenna l-wasla ta' mentalità ġdida li setgħet mhux biss iżżewweġ flimkien tradizzjoni popolari mitħaddta u tradizzjoni letterarja akkademika u mirquma, iżda wkoll tqis dan it-tlaqqigħ bħala karatteristiku ta' l-istorja tal-pajjiż. Ir-Romantiċiżmu, anki bħala l-werriet tax-xejriet demokratiċi ta' l-Illuminiżmu, kellu joffri saħansitra l-ambjent biex dan it-twemmin iwelled it-tradizzjoni letterarja bil-Malti, u biex din l-istess tradizzjoni tikseb il-ġustifikazzjoni meħtieġa b'qisien kontinentali.

**It-twemmin romantiku**

Ir-Romantiċiżmu, kemm Latin u kemm Ġermaniku, adatta għalih il-kunċett illuminista tat-tixrid tal-kultura fost il-kotra, u waqt li warrab il-kunċett astratt tal-kosmopolitiżmu, xerred it-twemmin fl-identità nazzjonali u l-qima lejn l-ilsna popolari. Din l-epoka, mibnija l-aktar fuq il-kixfa tas-sens ta' l-individwalità persunali u kollettiva, taħbat ma' l-ewwel sforzi serji biex jingħaraf il-Malti bħala l-wirt qadim tan-nazzjon, u sewwasew bħala l-ilsien nazzjonali, kif isejjaħlu Mikiel Anton Vassalli fid-"Discorso Preliminare", id-daħla għal *Ktieb il-Kliem Malti* (1796). Il-qedem ta' lsien popolari kellu importanza ewlenija fil-kunċett tan-nazzjonaliżmu li l-moviment romantiku fittex li jxandar u jxerred.

Wieħed mir-riżultati l-iżjed importanti tal-kontribut politiku u akkademiku ta' Vassalli huwa l-iżvilupp ta' ħsieb nazzjonalistiku, mibni fuq żewġ aspetti ewlenin tal-filosofija u ta' l-estetika tas-seklu dsatax: (i) l-affermazzjoni ta' l-identità individwali u kollettiva; (ii) il-koltivazzjoni u t-tixrid ta' l-ilsien nazzjonali bħala għodda ta' għarfien u komunikazzjoni ta' kull xeħta. L-ewwel aspett hu mnissel mill-qima li r-romantiċi kellhom lejn is-sentiment u l-passjoni, f'kuntrast mal-ħakma li kellha r-raġuni matul tradizzjoni sħiħa, minn żmien Aristotli sa l-Illuminiżmu. It-tieni aspett iwassal biex tingħaraf ir-rabta li hemm bejn qawmien politiku, għarfien ta' l-ilsien popolari u trawwim ta' kuxjenza demokratika. Dan kollu huwa stedina biex titwieled letteratura nazzjonali, l-aqwa mezz biex iseħħu ż-żewġ ideali msemmija.

Dan it-twemmin nazzjonali ġdid imxandar mill-Italja romantika beda dieħel f'Malta bis-saħħa tar-rabta kulturali bejn iż-żewġ pajjiżi, u mbagħad wisq aktar bis-saħħa tal-wasla ta' bosta kittieba, ġurnalisti u ribelli Taljani li matul il-perjodu risorġimentali fittxu l-kenn f'Malta. Waqt li ħadmu fil-gżira għall-għaqda ta' pajjiżhom huma daħlu wkoll f'ħidma ta' xeħta lokali: stiednu b'modi differenti lill-Maltin infushom biex huma wkoll jiġġieldu għall-jeddijiet politiċi kulturali tagħhom kontra l-ħakma kolonjali Ingliża. Din il-qagħda wasslet biex beda jsir użu wisq akbar tal-Malti għal għanijiet soċjali u politiċi, l-iżjed bis-saħħa tal-gazzetti.

**Duwaliżmu kulturali**

Il-prinċipju romantiku li l-poplu hu l-poeta l-aktar veru, naturali u awtentiku, huwa l-motiv ewlieni tal-qawmien tal-Malti bħala għodda letterarja, u l-iżjed poetika. Il-moviment Ewropew, imnebbaħ u msaħħaħ l-aktar mill-ispirtu demokratiku ta' ħassieba liberali kbar, jista' jingħad li tmexxa mill-għażla fundamentali ta' Herder bejn Kunstpoesie (poeżija ta' l-arti) u Naturpoesie (poeżija tan-natura). L-ewwel waħda tfisser il-formalità iebsa tat-tradizzjoni klassika, poeżija li r-romantiċi qisuha bħala arti mejta li ma titħadditx mal-poplu; it-tieni waħda tfisser l-ispontanjetà friska taż-żmien il-ġdid, ir-Romantiċiżmu mnissel mill-esperjenzi ta' kotra ħajja. Ir-Romantiċiżmu Latin beda jadotta din id-djalettika bħala l-kredu tiegħu; fl-ewwel tip ta' poeżija ra l-kitba ta' l-imgħoddi li issa kien tilef ir-rilevanza tiegħu; fit-tieni tip ra l-espressjoni ta' ġenerazzjoni li kellha l-ħila u l-jedd issarraf is-sentimenti tagħha f'poeżija naturali, istintiva, ħierġa dritt mill-qalb.

Din l-interpretazzjoni duwalistika tal-poeżija, u ta' l-arti kollha fiha nnifisha, imsarrfa fil-kontinent f'distinzjoni bejn il-Klassiċiżmu u r-Romantiċiżmu, kellha tkun applikata għal Malta b'ċerti modifiki, anki minħabba l-limiti tat-tradizzjoni klassika stess f'Malta. Il-gżira m'għandhiex letteratura klassika bil-Malti, u għalhekk ir-reazzjoni l-ġdida hi aktar tilwima favur il-ġejjieni differenti milli kontra l-imgħoddi milqugħ. Waqt li din il-bidla fl-Italja u fl-artijiet l-oħra fissret mogħdija minn kitba klassika għal kitba romantika bl-istess ilsien nazzjonali, fil-każ Malti fissret bidla mit-Taljan (l-ilsien tal-ftit) għall-Malti (l-ilsien ta' kulħadd). Fuq kollox, minbarra viżjoni estetika ġdida, it-twemmin romantiku kellu jfisser it-tnissil ta' kuxjenza nazzjonali li bi ħtieġa kellha tkun kemm politika, kemm soċjali u kemm lingwistika. Il-letteratura, u l-aktar il-poeżija, kienet l-aħjar mezz biex jitfisser dan kollu. It-twelid tal-moviment poetiku Malti fis-seklu dsatax, il-qawmien ta' l-interess filoloġiku fil-lingwa u l-bidu tal-ħidma politika huma fil-fatt friegħi ta' siġra waħda: l-għarfien ta' l-individwalità tal-pajjiż.

It-twelid tal-poeżija letterarja miktuba bil-Malti huwa wkoll ir-riżultat ta' sintesi storika bejn versi mfissra bil-fomm u versi miktuba. Hemm id-duwaliżmu bejn it-tradizzjoni qadima ta' l-għana, l-espressjoni spontanja bil-fomm ta' sentimenti ħfief imqegħdin fi kwartini b'versi ottonarji bir-rima u b'xi varjazzjonijiet oħra, fuq naħa, u l-poeżija letterarja miktuba bl-istess forom, fuq in-naħa l-oħra. L-ewwel waħda hi bil-Malti u l-oħra bit-Taljan. L-arja kulturali l-ġdida kellha twassal lill-poeti biex jisiltu x-xejriet karatteristiċi ta' l-għana u jdaħħluhom fil-qafas mirqum tal-poeżija miktuba tagħhom. L-għeruq tal-poeżija Maltija jinsabu fl-għana, u din hi qrubija li baqgħet titħares bir-reqqa saħansitra mill-poeti tal-moviment modern fit-tieni nofs tas-seklu għoxrin. Minn Ludovik Mifsud Tommasi, li b'*L-Inni Mqaddsa* (1853) fittex li jdaħħal il-forma ta' l-għana fil-poeżija reliġjuża, sa Ġan Anton Vassallo, hu nnifsu mnebbaħ direttament mill-għana, sa Dun Karm, li tella' l-kwartina ta' l-għana għall-ogħla livell letterarju u xeħet fiha damma sħiħa ta' motivi: f'dan il-perjodu kollu hemm żvilupp wieħed li wassal biex f'ebda żmien ta' l-istorja tagħha l-poeżija Maltija ma warrbet ix-xejriet tipiċi li tnisslet minnhom bħala tradizzjoni orali.

### Poeżija mnebbħa mill-individwu u mill-kotra

L-ewwel poeta li jseddaq bis-saħħa kollha u f'livell tassew letterarju kulma ntqal sa issa huwa Ġan Anton Vassallo (1817–1868), hu nnifsu avukat u professur tat-Taljan fl-Università. Bil-persunalità tiegħu, minbarra b'xogħlijietu, se jagħti xhieda ta' kemm il-messaġġ romantiku Ewropew kellu jiftiehem f'direzzjoni storika preċiża f'Malta: billi t-twemmin ta' l-epoka (demokratiku, nazzjonalistiku, individwalista, popolari, sentimentali) jitfisser b'forom poetiċi mnebbħin mit-tradizzjoni popolari u bl-ilsien tal-kotra stess. Imgħammar sewwa b'edukazzjoni akkademika u letterarja Taljana, miftuħ għall-ideat il-ġodda, hu malajr beda jieħu sehem fil-viżjoni estetika ta' żmiemu. Kellu jkun il-poplu li jnebbħu f'kulma jikteb, biex jagħti pjaċir u jkun istruttiv; mix-xejriet tal-kultura popolari kellu jislet il-komponenti lessikali, tematiċi u strutturali tiegħu.

Is-sehem tiegħu bħala poeta jista' jitqassam fi tlieta. F'kull qasam huwa baqa' 'l bogħod mit-tradizzjoni klassika, waqt li fittex li jagħti lill-Malti s-sura xierqa biex jesprimi l-kontenuti li minħabba fihom għażel li jikteb bl-ilsien "il-ġdid" tat-tradizzjoni li kienet qiegħda titwieled, minflok bl-ilsien mirqum li kien joftmu mill-poplu. Ma' Vassallo tidħol bis-saħħa kollha l-viżjoni romantika, applikata għal Malta skond il-qagħda ta' żmienu, imfissra bi kliem, frażjoloġija u metafori li n-nisel tagħhom kollu jista' jinstab fil-poeżija letterarja Taljana daqskemm fl-immaġinazzjoni Maltija. Din l-imġiba li biha żewweġ żewġ kulturi f'xogħol poetiku sħiħ bil-Malti tagħtih post prominenti fl-istorja letterarja kollha ta' Malta. L-ewwel xejra importanti fil-poeżija ta' Vassallo hi l-imġiba sentimentali, espressjoni tal-bniedem, bħala annimal emotiv li qiegħed ifittex il-milja tiegħu fl-imħabba. Id-djalogu man-natura li s-sensibilità umana ssib ruħha mdawra minnha huwa mbiddel f'dokument intimu tal-vjaġġ psikoloġiku. Flimkien ma' din ir-relazzjoni suġġett-oġġett il-poeta jippreżenta d-dehra tar-ruħ imġarrba u mnikkta bħala l-qofol ta' l-eżistenza. F'għadd ta' liriċi huwa jesplora l-malinkonija tal-maħbubin, is-solitudni ta' min ifittex l-hena, id-delużjoni ta' min iħares lura b'nostalġija, id-diqa li jħalli ż-żmien li jgħaddi. Huma lkoll temi li jinsabu fil-qofol tar-Romantiċiżmu sentimentali ta' l-epoka, li kull żmien jersaq lejhom b'xeħta differenti.

It-tieni komponent tal-poeżija tiegħu huwa satiriku. Il-bniedem huwa meqjus mhux biss bħala vittma ta' qawwiet akbar minnu li qegħdin jaħdmu fuqu bla ħniena, iżda wkoll bħala membru u protagonista ta' ambjent soċjali. Il-ħrejjef romantiċi tiegħu jinsġu karikatura ta' bosta xejriet tal-ħajja pubblika u persunali, waqt li jbiddlu l-kontenut folkloristiku f'xenarju spettakolari ħaj miżgħud b'nies aktarx maħqura mis-sistema soċjali u kulturali. Il-psikoloġija ta' l-annimali, il-kuxjenza soċjali, il-personifikazzjoni tal-ħlejjaq kollha inanimati u animati, id-drammatizzazzjoni tat-tradizzjonijiet, it-tħaddim ta' forom tat-taħdit popolari u r-rappreżentazzjoniji ta' sitwazzjonijiet tipiċi tal-poplu: dawn u xejriet oħrajn huma mwaħħdin b'mod li l-versi satiriċi jroddu interpretazzjoni mlewna, kritika daqskemm ħanina, tal-qagħda Maltija fi żmienu. Vassallo qiegħed ifittex li jseddaq il-programm ta' kritika soċjali li poeti oħrajn bħal Fiacchi, Perego, Gozzi, Casti, Passeroni, Batacchi u Pignotti kienu qegħdin jagħmlu fl-Italja. Il-ħrejjef tiegħu huma parti integrali mill-moviment, kemm tematikament u kemm strutturalment. Dan l-aspett pedagoġiku tar-Romantiċiżmu kellu xorti kbira 'l quddiem fil-gżira u jista' jitqies bħala wieħed mill-modi ewlenin li bihom il-lingwa kisbet ġustifikazzjoni nazzjonali bħala għodda ta' kommunikazzjoni kulturali. Din hi waħda mill-mogħdijiet li ssoktaw jimxu fiha l-poeti minuri matul l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin, żmien li fih il-ħrafa ngħażlet ukoll bi ħsieb politiku.

Il-qofol tal-viżjoni ta' Vassallo, madankollu, huwa nazzjonalistiku. Fit-tielet aspett tiegħu, il-poeżija dwar in-nazzjonalità, huwa jdaħħal damma sħiħa ta' kunċetti u sentimenti romantiċi li fl-ewwel għexieren tas-seklu ta' wara kellhom isibu l-aħjar żvilupp f'Dun Karm u f'għadd ta' kontemporanji. Il-bniedem li

jiddetermina l-iżjed il-viżjoni poetika tiegħu, aktar mill-bniedem bħala individwu mġarrab jew bħala annimal soċjali, huwa ċ-ċittadin, il-bniedem imsieħeb f'sistema magħrufa bħala nazzjon. L-imgħoddi erojku huwa mogħti l-ħajja mill-ġdid bis-saħħa ta' rikostruzzjoni drammatika ta' l-istorja li fiha l-bnedmin, il-ġrajjiet u l-ambjenti jsawru kwadru wieħed. L-istorja hi meqjusa bħala proċess ta' evoluzzjoni bla waqfien; il-patrija idealizzata hi ħolma li bħallikieku wara mistennija twila waslet issa biex isseħħ. Din hi t-tagħlima tar-Risorġiment Taljan li Vassallo kisibha fl-ispirtu Malti u applikaha għall-poetika tiegħu, il-qaddejja ta' kawża morali u soċjali. Vassallo l-kittieb ta' l-istorja u Vassallo l-kittieb tal-poeżija huma għalhekk varjazzjonijiet ta' persunalità waħda. L-awtur li skopra l-ġrajjiet storiċi huwa l-poeta li mbagħad iħosshom lirikament. Fl-istess direzzjoni se timxi l-poeżija Maltija ta' xeħta patrijottika għal madwar mitt sena sħaħ.

Il-wirt poetiku ta' Vassallo, mifhum skond dawn it-tliet taqsimiet, jindika l-fażi bikrija ta' proċess ta' żvilupp f'dawn l-istess oqsma tul perijodu aktarx twil. Awturi minuri bħal Ludovik Mifsud Tommasi, Richard Taylor, Ġużè Muscat Azzopardi, Anton Muscat Fenech, Dwardu Cachia, Manwel Dimech u oħrajn issoktaw jorqmu u jfettħu l-orjentament demokratiku tal-poeżija, waqt li wessgħu l-medda ta' l-ispirazzjoni tagħhom billi fehmu aħjar l-istrutturi soċjali u l-mudelli kulturali, waqt li komplew itejbu t-taħdit letterarju tagħhom, dejjem fid-dawl tal-forom tat-taħdit popolari.

Il-prinċipju romantiku li l-poeżija hi l-maħżen tal-verità nazzjonali jispjega kulma seħħ fil-livell poetiku. Prinċipji oħrajn, bħalma huwa t-twemmin fil-poeżija bħala espressjoni ta' ansjetà filosofika, kellhom jistennew żmien twil biex isibu forma ta' siwi tassew poetiku li tfissirhom. It-tħaddim tal-lingwa għal skopijiet letterarji huwa aspett ewlieni ieħor li f'idejn Vassallo se jsib interpretazzjoni moderna, prattika u fidila lejn il-qagħda Maltija. Għalih il-poeta għandu jikteb b'ħeffa li ma toftmux mill-kotra li hu għandu jkun imnebbaħ minnha; il-kelma għandu jkollha l-għeruq u l-istorja tagħha mħawlin fil-ħamrija ta' l-esperjenza tal-poplu nnifsu. Dawn il-prinċipji u oħrajn huma ħjiel tal-poetika tiegħu, romantika fin-nisel tagħha, ħabbara ta' żminijiet li matulhom kellha ssib żviluppi wisq akbar.

**L-ispirazzjoni popolari**

L-għexieren ta' snin li minn żmien Vassallo jwasslu sal-bidu tal-fażi Maltija ta' Dun Karm, jiġifieri madwar l-ewwel għoxrin sena tas-seklu għoxrin, huma miżgħudin b'ġemgħa mdaqqsa ta' poeti minuri li mlew il-ġurnali b'versi ferrieħa, ċajtiera u satiriċi. Il-libertà ta' l-istampa miksuba snin twal qabel bdiet trodd il-frott letterarju fuq livell wiesa'. Sikwit dawn il-kitbiet ma jilħqux il-livell ta' l-arti, iżda kellhom importanza mhux biss storika-letterarja iżda anki soċjali għaliex issoktaw irawmu kuxjenza fost ħafna, juru r-rabta bejn il-versi u l-ħajja komuni, ileħħnu sentimenti popolari u fuq kollox iħarrġu l-lingwa bi skop letterarju.

L-għan ewlieni tagħhom ma setax ma jkunx didattiku; l-ideal li seħħ fit-tieni nofs tas-seklu tmintax fl-Ewropa meta l-Illuminiżmu ħabrek biex ibiddel l-organiżmu soċjo-kulturali mill-qiegħ, beda jseħħ f'Malta fit-tieni nofs tas-seklu dsatax. Kontra

letteratura "kolta", magħluqa fil-qafas tal-ftit, kiber moviment b'riżq il-pubbliku kollu. L-epoka Maltija tal-ġurnali hi wkoll l-epoka tal-poeżija sempliċi li setgħet tinħass minn ħafna, imnebbħa minn għan edukattiv, ħerqana li sseddaq ix-xejriet etniċi u nazzjonali, lesta li tleħħen l-ambizzjonijiet politiċi.

Għadd kbir ta' gazzetti fihom xogħlijiet li jesprimu l-kurrenti ewlenin ta' dan it-tip ta' poeżija miktuba għal żmien twil. Ewlieni fl-użu li għamel mill-gazzetti huwa Richard Taylor (1818–1868), kittieb ta' ħrejjef versifikati, poeta sentimentali u politiku, u fuq kollox traduttur li daħħal fil-poeżija Maltija żewġ xejriet importanti tal-moviment Ewropew: il-qima lejn il-Bibbja bħala għajn mill-aqwa ta' poeżija u l-qima lejn Dante bħala poeta ta' immaġinazzjoni qawwija. Il-qlib tiegħu tax-xogħol ta' Edward Young, espressjoni ta' diqa u riflessjoni fuq il-mewt, hu xhieda tas-sehem tiegħu fil-poetika romantika tal-malinkonija.

L-EWWEL NOFS TAS-SEKLU GĦOXRIN

## Id-dħul ta' temi u forom ġodda

Pubblikazzjonijiet bħal "Il-Ħabib Malti", "Il-Ħabbar Malti", "Pronostku Malti" u "Il-Ħabib" huma ewlenin fil-ħażna ta' gazzetti u almanakki li seddqu l-prinċipju li fuqu setgħet tissokta tinbena l-poeżija Maltija: ir-rilevanza soċjali. L-aħħar tnejn jorbtu ż-żmien qadim, ikkaratterizzat minn kitba letterarja daqskemm semi-letterarja u popolari, maż-żmien il-ġdid, xhieda ċerta ta' livell letterarju u ta' kisbiet siewja fil-qasam ta' l-idjoma poetika, tal-mudelli metriċi, ta' l-għażla metaforika u l-bqija. "Pronostku Malti" jikseb l-importanza ewlenija tiegħu mit-tlaqqigħ flimkien ta' versifikaturi u ħarriefa popolari u poeti mirquma. "Il-Ħabib", mibdi fl-1912 minn Pawlu Galea u Ġużè Muscat Azzopardi, qanqal interess serju ġdid fil-kwistjoni lingwistika-letterarja, waqt li għaqqad grupp ta' kittieba li barra li waslu biex iwaqqfu l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti fl-1920, rawmu moviment letterarju u l-aktar poetiku li x-xogħlijiet tiegħu bdew jixxandru ftit snin wara f'"Il-Malti". F'dan l-isfond tnissel il-grupp tal-kittieba fi ħdan l-Għaqda tal-Malti (Università), imwaqqfa fl-1931, li l-espressjoni tiegħu hi miġbura f'"Leħen il-Malti".

Dan il-qawmien letterarju, u l-aktar poetiku, fl-ewwel għexieren tas-snin tas-seklu għoxrin hu r-riżultat ta' konvinzjoni mxerrda fost għadd ta' nies ta' kultura li emmnu fil-ħtieġa li l-poeżija bil-Malti tiżviluppa bis-saħħa ta' tħejjija u kompetenza. Hemm fihom bħallikieku x-xewqa li jittraduċu u japplikaw il-kontenuti u l-forom li kienu jafu bihom mill-għarfien tagħhom tal-letteratura Taljana. Għal ċertu żmien, għalhekk, aktar milli mill-ispirazzjoni mqanqla minn ansjetà jew kriżi, kif sikwit tinbet il-poeżija ta' valur għoli, il-poeżija ta' dan il-perijodu hi mibnija fuq il-kultura, jew aħjar fuq l-apprezzament tal-formaliżmu u ta' l-eleganza lingwistika li hemm dejjem f'kull kitba letterarja. B'hekk ukoll twessgħet l-għalqa tematika u żdiedu l-forom magħżula. L-ideal edukattiv, min-naħa l-oħra, jissokta jseddaq din l-interpretazzjoni.

Mis-sentimenti bikrija, ta' xeħta storikament preromantika, marbutin ma' l-ideal li tingħata poeżija ħafifa lill-kotra, b'dan il-mod il-kuxjenza poetika Maltija għaddiet għall-formazzjoni ta' moviment matur li għaraf jorqom l-għodod espressivi, iwessa' l-għalqa tematika u jilħaq livelli ogħla ta' rilevanza u siwi poetiku. Sa żmien Dun Karm, bis-saħħa ta' poeti ta' merti differenti, jissoktaw jitilgħu fil-wiċċ it-temi l-qodma, bħalma huma l-għarfien ta' l-identità nazzjonali, is-sens ta' diqa fir-riflessjoni fuq l-eżistenza, l-iskoperta tax-xejriet distintivi ta' l-ambjent, l-aktar tal-pajsaġġ bħala xejra tal-pajjiż daqskemm bħala kuntest li fih il-poeta jsib il-milja persunali.

Dan hu ż-żmien li persuni ta' kultura, bħal Anastasju Cuschieri u Ninu Cremona, għarfu s-siwi tal-Malti bħala lsien letterarju; il-kontribut tagħhom stess jesprimi din il-konvinzjoni daqskemm ifittex li jseddaq ir-rabta bejn l-esperjenza tal-pajjiż u l-poeżija bl-ilsien tiegħu. Aktar minn hekk hu importanti l-fatt li f'dan iż-żmien bdew jikbru l-persunalitajiet poetiċi ewlenin li kellhom iwasslu r-Romantiċiżmu għall-aqwa żvilupp u maturazzjoni tiegħu f'Malta. Il-poeti ewlenin se jħaddnu fl-individwalità tagħhom l-esperjenza romantika kollha, kif imħabbra letterarjament minn Ġan Anton Vassallo, waqt li jiftħu l-medda tematika tagħhom biex imissu oqsma tematiċi u tekniċi ġodda.

## In-nazzjonalità u s-solitudni eżistenzjali

Wara li għamel żmien twil jikteb bit-Taljan u laħaq il-maturità teknika fl-espressjoni tat-temi tradizzjonali li mis-sekli tmintax u dsatax fl-Ewropa kellhom jissoktaw jitnikkru f'Malta fis-seklu għoxrin, Dun Karm (1871 – 1961) beda jikteb il-poeżija bil-Malti fl-1912. Hija deċiżjoni importanti ħafna mhux biss għalih iżda għall-poeżija Maltija kollha ta' żmienu u sa ċertu punt ta' warajh ukoll. Bil-preżenza tiegħu bħallikieku bħala mħallef u l-kriterju ta' sħabu, daħlet dixxiplina teknika ġdida, imqar jekk dejjem fi ħdan l-ispazji fissi tal-mudelli romantiċi magħrufa.

Min-nisel raħli tiegħu, mir-rabta kbira ma' ommu wild ir-raba', Dun Karm silet il-qima lejn l-għeruq kulturali tal-gżira li donnu sistematikament huwa jsarrafhom f'damma ta' motivi li bihom jiddefinixxi idealment, aktar milli realment, lill-pajjiż. Huwa jitnebbaħ mill-miti qodma u jagħtihom l-aqwa espressjoni poetika bis-saħħa tat-tagħqida ta' sens ta' l-istorja u ta' qawwa immaġinattiva. L-imgħoddi mbiegħed huwa msebbaħ u mogħti kull glorja; il-ġrajjiet jitbiddlu f'sensiela ta' rebħiet; il-folla bla isem u bla wiċċ li qatt ma ngħatat importanza titbiddel f'ġemgħa erojka li fuqha tinbena d-dinjità nazzjonali kollha. Dun Karm ibiddel il-kontenut storiku f'lirika attwali, jegħleb id-distinzjoni bejn l-imgħoddi u l-preżent, jagħti l-post ċentrali fl-istorja lil Alla nnifsu li bħallikieku jsir il-mexxej tal-poplu magħżul tiegħu. L-isfond bibliku, imgħoddi anki mill-għarbiel tal-poetika risorġimentali li kienet għamlet l-istess għat-Taljani, jitħaddem biex minn storja ta' ġemgħa nazzjonali ċkejkna, fqira u mċaħħda mill-jeddijiet kollha, issir poplu sħiħ u magħqud, kburi bih innifsu, ħerqan li jikseb jeddijietu.

Il-qlubija taċ-ċittadini għalenija, l-eroiżmu tal-ftit li jmexxu lill-ħafna lejn ir-rebħa, l-għarfien ta' l-istorja politika bħala storja reliġjuża, is-seħer tal-pajsaġġ, is-siwi morali tad-drawwiet tradizzjonali, iċ-ċentralità ta' Malta saħansitra fl-istorja kontinentali u dinjija: dawn u oħrajn huma temi li sikwit jitkabbru u jinbnew f'miti. Biex jesprimi dawn il-kontenuti, li issa se jiksbu d-dinjità li qabel ma ngħatatilhomx, Dun Karm iħaddem l-għarfien storiku u l-immaġinazzjoni mħalltin flimkien, waqt li jtaħħathom għal-liġi morali ewlenija li hemm fil-poetika nazzjonali tiegħu: id-dmir ta' l-imħabba lejn il-patrija li hemm f'kull ċittadin. Hi interpretazzjoni mibnija fuq iċ-ċittadinanza.

Kollox jistrieħ fuq il-metafora ċentrali tiegħu: Malta hi l-omm, l-eroj huma l-missirijiet, iċ-ċittadini huma l-ulied. Hekk tissawwar il-familja ideali, etnika, nazzjonali, tiegħu: hi estensjoni figurattiva tal-kult tal-familja magħquda. Żminijiet storiċi differenti mill-epoka Kristjana 'l quddiem, persunaġġi ewlenin, folla fidila jintisġu flimkien biex jibnu spettaklu li jingħata l-ħajja b'doża qawwija ta' emozzjoni.

Fuq in-naħa l-oħra hemm il-poeta malinkoniku, solitarju, l-iltim li ma jistax jilqa' jew jifhem in-nuqqas ta' ommu fl-adultezza tiegħu. Il-poeta li fil-poeżija nazzjonali hu profeta kburi u qalbieni, estrovers, huwa wkoll il-poeta tifel li jfittex dejjem lil ommu f'kull dokument ta' l-esperjenza, nieqsa minn tifsira ovvja, itqal mis-setgħat individwali biex tinġarr, misterjuża fiha nnifisha. Il-poeżija tan-nazzjonalità, għalhekk, hi mxebilka ħafna mal-poeżija tan-natura, tal-pajsaġġ: il-ħlejjaq kollha, mill-ħxejjex sa l-annimali, isiru kollegi tas-sens tal-misteru li jħoss, jingħarfu bħala dokumenti tad-divinità li trid ir-riflessjoni poetika, aktar milli l-istħarriġ intellettwali, biex tinħass, dejjem fil-misterjożità tagħha. Id-djalogu l-iżjed profond tiegħu jsir ma' Alla, ma' ommu u ma' l-annimali, u l-iżjed mal-kanarin, is-sieħeb li jiffigura l-qagħda l-iżjed vera tiegħu ta' poeta tas-solitudni.

Ir-reliġjożità li biha jara u jgħammed it-tiġrib kollu hi minsuġa sfiq mal-malinkonija eżistenzjali u esperjenzali tiegħu; minn dan iż-żwieġ nisrani titnissel l-aħjar lirika tiegħu, kemm meta hi dokumentazzjoni persunali u kemm meta hi interpretazzjoni ta' l-inġustizzji soċjali. Xejriet oħrajn tal-poeżija tiegħu huma l-lirika tal-femminilità u ta' mħabba, in-nostalġija għat-tfulija bħala żmien ideali, it-tradizzjonijiet popolari li bihom komunità nazzjonali titbiddel f'soċjetà.

Biex jesprimi dan kollu Dun Karm jinqeda bl-għodod kollha li rċieva mit-tradizzjoni klassika u romantika, issa mġarrba u mġedda minnu b'mod persunali ħafna, u fuq kollox mogħtija s-sura li hi Maltija kemm fl-ispirtu, kemm fil-lingwa, u kemm fix-xeħta immaġinattiva. Il-kontenut emotiv qawwi li hemm fil-lirika tiegħu jitbandal bejn żewġ estremi: xi drabi jinħall fil-beraħ ħieles tar-rettorika u drabi oħra, fl-aħjar waqtiet, jitrażżan mir-regoli tad-dixxiplina teknika u intellettwali tiegħu. Il-lingwaġġ hu densament figurattiv, imgħejjex minn proċess ta' metaforizzazzjoni li ma jiqafx. Il-kliem tiegħu jingħażel bħala regola mill-ħażna Semitika iżda ftit huma l-kelmiet imfittxa mill-moħbiet oskuri tal-vokabularju Malti. Anki fl-eleganza tiegħu, Dun Karm huwa dirett u komunikattiv; anki fil-profondità implikattiva huwa sempliċi għal min għallinqas jista' jmiss il-wiċċ tas-saffi tat-tisfir tiegħu.

Fuq naħa Dun Karm hu l-werriet devot tat-tradizzjoni li tibda minn Ġan Anton Vassallo u tasal sa żmienu; fiha hemm xejriet ta' l-għana, ta' l-innoloġija reliġjuża li hu nnifsu ssokta jiżviluppaha, ta' l-isfumaturi tipiċi tat-taħdit raħli, ta' l-idjoma mirquma li xorta m'hix artifiċjali. Fuq in-naħa l-oħra Dun Karm huwa l-ħallieq oriġinali tal-lingwaġġ romantiku Malti, il-bennej ta' l-istrofi b'reqqa arkitettonika, b'eżattezza sintattika sħiħa. L-istess jista' jingħad dwar il-ħażna tematika tiegħu; hi wirt tat-tradizzjoni daqskemm frott tat-tiġdid persunali. L-istoriċiżmu daqskemm ir-rilevanza: huma ż-żewġ qisien li bihom Dun Karm jista' jitkejjel biex tingħaraf l-importanza kbira tiegħu fl-istorja tal-poeżija Maltija daqskemm il-firxa ta' l-influwenza tiegħu bħala l-poeta ewlieni ta' żmienu.

**Il-lirika ta' l-intimità u tal-kriżi**

Waqt li Dun Karm jieħu spazju kbir fil-kwadru ta' l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin, u waqt li l-influwenza tiegħu tinħass minn kmieni fl-għażla tat-temi, tal-metafori u tat-taħdit poetiku f'għadd ta' poeti oħrajn, ilħna ewlenin distinti minn tiegħu bdew iseddqu lilhom infushom bħala interpreti individwali mogħnija b'persunalità li titbiegħed ħafna minn dik tal-figura ċentrali. Sfond bijografiku u kulturali daqskemm karattru differenti wasslu biex anki fi ħdan dan l-ispazju jimirħu spirti ħielsa mill-prinċipji ewlenin tal-poetika ta' l-imgħallem, bħalma huma n-nazzjonaliżmu u l-verżjoni mitika ta' l-istorja, ir-rażan relattiv ta' l-emozzjoni, l-eleganza stilistika li sikwit tagħlaq kontenut romantiku f'qafas ta' xeħta klassika.

In-nazzjonaliżmu ta' Dun Karm hu mħaxken ma' universaliżmu ta' poeti oħrajn li anki lill-abitant ta' Malta jarawh qabelxejn bħala abitant tal-kosmos; il-malinkonija kontrollata ta' Dun Karm f'poeti oħrajn hi maħlula, mogħtija l-ħelsien li timraħ sa ma tmiss it-truf ta' tip ta' pessimiżmu li hu l-bażi ta' viżjoni sħiħa tal-ħajja; il-kuxjenza soċjali ta' Dun Karm f'poeti oħrajn tonqsilha l-importanza u minflokha tidħol kuxjenza li fil-qofol tagħha hemm biss l-individwu, ir-ruħ imnikkta li fil-poeżija se ssib l-espressjoni tad-djarju intimu tagħha. Dawn id-differenzi u oħrajn, li bihom jistgħu jkunu definiti Rużar Briffa, Ġorġ Zammit, Anton Buttigieg u Karmenu Vassallo, jixhdu li r-Romantiċiżmu wasal f'fażi oħra tiegħu.

Rużar Briffa (1906 – 1963) jikteb sensiela ta' liriċi aktarx qosra li bejniethom isawru d-dokument privat tiegħu; huma miktubin b'fedeltà lejn it-tiġrib persunali, mibnijin fuq it-tifkira ta' ġrajja li ma tistax tintesa daqskemm fuq ix-xewqa ta' ideal li ma jistax jintlaħaq. Il-bniedem tiegħu hu vjaġġatur waħdieni, imnikket minnu nnifsu bħala maħluq li jirrifletti fuq l-eżistenza, li m'hix ħlief damma "ta' ħolm u ta' xewqat". Il-malinkonija dejjiema tiegħu m'hix ir-riżultat ta' stħarriġ intellettwali, iżda l-kundizzjoni ta' sensibbiltà delikata mweġġgħa u li m'għandhiex għalfejn tanalizza biex tikkonkludi. Briffa donnu jitwieled bil-konklużjonijiet dwar il-ħajja, aktar milli jiksibhom maż-żmien bl-esperjenza; huma intwizzjonijiet, kif inhuma l-liriċi tiegħu. Is-sentimenti u l-illużjonijiet, is-sitwazzjonijiet u l-ideali mwaqqgħa huma lkoll imqegħdin f'ambjent partikulari, solitarju, xbiha ta' qagħda

ġewwiena li ma tistax taqbel mal-qagħda ta' barra, mar-realtà kif tidher u kif tinħaseb. Dan kollu hu msieħeb b'mod naturali ma' konvinzjoni Kristjana mifhuma fil-qofol doloruż tagħha: mill-Ġetsemani sal-kruċifissjoni sad-desolazzjoni ta' l-Addolorata.

Il-ħajja hi mifhuma bħala nisġa ta' tbatijiet immexxijin mil-liġi suprema taż-żmien li jħassar u jeqred kollox. L-imħabba u l-poeżija huma ż-żewġ illużjonijiet waħdanin li Briffa jirrikorri lejhom biex isib il-fidwa mid-diqa eżistenzjali, xi drabi mid-disperazzjoni. Ix-xewqa li jerġa' lura lejn is-sigurtà tal-ġuf toffri kuntrast qawwi mal-biża' tiegħu mid-dinja tal-fatti. Il-lirika kollha tista' tinġabar fil-metafora tal-bniedem bħala vjaġġatur li jterraq dejjem waħdu u fil-maltemp. It-timidezza, ir-rassenjazzjoni, il-vittimiżmu, l-għeja, il-passività mimlija ansjetà huma kundizzjonijiet li jwaħħdu lill-bniedem u lill-poeta; il-lirika ssir awtobijografija, u bħala lirika hi wkoll interpretazzjoni tal-qagħda umana fiha nnifisha, u mhux biss tal-ħajja persunali tiegħu. L-għerq tan-niket hu eżistenzjali.

Biex jesprimi dan id-dokument tal-qagħda tal-bniedem Briffa jinqeda bi kliem ħafif, b'metafori komuni, b'forom metriċi li sikwit jinħallu biex jeħilsu mir-regolarità ta' l-istrofa fissa. It-tonalità tiegħu għandha minn monologu daqskemm minn djalogu, imsoffija minn kull ħjiel ta' rettorika. L-għan tiegħu hu li jesprimi l-intensità emotiva fl-immedjatezza tagħha, mingħajr indħil żejjed ta' konsiderazzjonijiet tekniċi. Hi teknika li tinħadem fih weħidha tul żmien twil ta' riflessjoni u li mbagħad, kif stqarr hu nnifsu, titfisser fuq il-karta billi tkun miftakra u mniżżla b'fedeltà. Briffa hu poeta tal-memorja mhux biss fil-qasam tematiku iżda wkoll fil-metodu tal-kitba.

Għal Ġorġ Zammit (1908 – 1990) ir-reqqa tal-forom regolari u l-espressjoni tas-sentimenti persunali huma żewġ aspetti li jistgħu jaħdmu tajjeb flimkien. Fost il-poeti tal-grupp hu l-aktar wieħed li jista' jitressaq lejn Dun Karm, għad li b'differenzi kbar. L-ispirazzjoni tiegħu tinbet sikwit f'post partikulari u minħabba motiv speċifiku li jingħaraf mill-ewwel. Il-pajsaġġ tiegħu hu dejjem Malti, apprezzat fis-sbuħija naturali u fl-implikazzjonijiet li jinsiltu minnu bħala manifestazzjoni tad-divinità. Id-djalogu tiegħu jseħħ ma' għadd ta' ħlejjaq, minn annimali sa ħxejjex, u l-post hu sikwit id-dehra fiżika ta' qagħda ġewwiena; kulma hu spiritwali huwa mbiddel f'figurazzjoni.

L-ansjetà tiegħu, imgħammda dejjem, hi mrażżna, għad li xi drabi tinħall fi tnehida, f'espressjoni diretta ta' sentimenti. Imkejjen differenti tal-pajsaġġ Malti jsawru bejniethom bħal santwarju ideali, bejn fiżiku u bejn psikoloġiku, li fih Zammit isib il-milja tiegħu nnifsu bħala osservatur li jirrifletti fuq kulma jara. L-imgħoddi huwa idealizzat, għajn ta' nostalġija, mezz biex jiftiehem aħjar il-preżent. Kollox jieħu bixra misterjuża, li għaliha hemm tweġiba miksuba b'dispożizzjoni poetika, li xejn m'hi differenti minn dispożizzjoni reliġjuża. Għalhekk ukoll għal Zammit il-ħlejjaq kollha huma sagri, mill-bniedem sa l-annimal sal-ħaxixa, xi drabi sa l-inħawi naturali stess; il-meditazzjoni lirika tiegħu tvarja minn taħdita magħhom sa rappreżentazzjoni devota tagħhom.

Ix-xejra dominanti tar-Romantiċiżmu li jbiddel lill-pajsaġġ bil-ħlejjaq u bl-elementi tiegħu kollha fi knisja waħda, waqt li hi kontinwa fil-lirika Maltija, issib l-aqwa żvilupp tagħha f'Anton Buttigieg (1912–1983). Il-qofol tal-poeżija tiegħu jinsab fil-qima li biha jidħol fl-ambjent naturali biex hemm jiskopri l-kollegi ideali tiegħu, l-annimali u l-ħxejjex, u jiżvolġi magħhom djalogu intens ta' xeħta Teoloġika u psikoloġika. Għal Buttigieg kollox isawwar "il-katina kbira tal-ħolqien", waqt li bħala regola l-bniedem hu mħolli barra, ikkundannat u meqjus bħala barrani jew invażur. Hi xejra tipika tar-Romantiċiżmu Ewropew li hu sab fiha għejjun kbar ta' ispirazzjoni.

Il-ħlejjaq ta' Buttigieg huma lkoll animati u personifikati; bl-antropomorfiżmu, li hu l-bażi ta' l-esperjenza poetika tiegħu, l-annimali u l-ħxejjex u bosta elementi oħrajn tal-ħolqien huma mifhumin fis-sagralità tagħhom bħala wirja diretta tal-preżenza t'Alla. Mill-ġdid, bħal f'Dun Karm u f'Zammit, m'hemmx differenza bejn imġiba reliġjuża u mġiba poetika, anzi t-tnejn huma l-istess ħaġa. Minn dan id-djalogu mistiku-filosofiku tinsilet it-Teoloġija daqskemm is-soċjoloġija tiegħu: Alla hu ħaġa waħda mal-ħlejjaq kollha tiegħu, u l-mudell soċjali għall-umanità jrid jitfittex fil-mudell tal-ħlejjaq mhux-umani. L-annimali tiegħu, fost l-oħrajn, huma saħansitra eżempji ta' l-ogħla moralità, mogħnijiet bil-virtujiet li Buttigieg sikwit jonqos li jsibhom fil-bniedem.

Il-kontenut ekoloġiku tiegħu m'għandux l-iskop li juri l-ħtieġa tad-dinja mhux-umana għad-dinja tal-bnedmin, iżda li juri li l-iskop tal-ħlejjaq hu awtonomu mill-bniedem, jinsab fihom infushom, pjan dirett ta' Alla li jista' jinqara b'dispożizzjoni lirika, jiġifieri reliġjuża, u mhux skond it-tradizzjonijiet taċ-ċiviltà tal-bniedem. Id-dħul tiegħu fid-dinja tal-ħlejjaq mhux-umani, il-mixja kontinwa tiegħu fil-pajsaġġ ħieles mit-taħsir uman, m'humiex ir-riżultati ta' ħarba iżda l-provi ta' sejba. Is-Sbuħija, it-Tjubija u l-Imħabba huma kwalitajiet tan-natura li bejniethom isawru unità, waqt li huma varjanti ta' xulxin.

Bl-istess twemmin Buttigieg jikteb il-lirika ta' xeħta awtobijografika. L-istess għodod immaġinattivi, espressjoni letterarja ta' viżjoni eżistenzjali, jaqduh biex jitbekka d-delużjonijiet persunali u biex jesplora temi bħall-inġustizzja u l-aljenazzjoni. Il-verżjoni poetika tiegħu hi moralizzazzjoni mnissla mill-qofol tal-poetika kollha li jesprimi: hemm ordni fl-univers, u dan l-ordni hu wieħed u sħiħ; meta hu miksur f'xi aspett, kull aspett ieħor jintlaqat. Id-dinja morali eżemplari li jpinġi fil-poeżija tan-natura m'hix alternattiva għad-dinja ta' l-esperjenza umana, iżda hi l-mudell ideali tagħha li matul l-istorja l-bniedem tbiegħed minnu. Dawn l-implikazzjonijiet jinħassu saħansitra fil-poeżija politika, satirika, u ċajtiera tiegħu.

Karmenu Vassallo (1913–1987) hu l-interpretu romantiku ewlieni tad-dulur bħala l-qagħda kontinwa tal-bniedem. Kontenuti li fi Briffa tfissru f'sura sentimentali, f'lirika diretta, f'Vassallo jinbnew f'għamla ta' sistema ta' ħsieb. Vassallo mhux biss jesprimi n-niket uman iżda jistħarrġu, ifittex l-għaliex tiegħu f'termini reliġjużi u filosofiċi. L-intensità emotiva kbira li hemm fl-aħjar xogħlijiet tiegħu hi l-espressjoni ta' esperjenza aktar profonda, miżrugħa fil-qiegħ tal-kuxjenza tiegħu: il-konvinzjoni li l-ħajja hi sensiela ta' tbatijiet li jinġabru fil-frażi tipika tiegħu "irrid u ma nistax".

Anki għal Vassallo l-bniedem hu l-akbar theddida għall-bniedem; l-ordni naturali hu mkisser sewwasew minnu. Is-sistema soċjali tagħfas bil-qawwa fuq l-individwu, meqjus bħala l-eskluż, il-wieħed imħolli barra mill-grupp kollu. Qawwiet superjuri jaħkmu fuq il-bniedem bħala maħluq, waqt li liġijiet soċjali u kulturali jillimitawh bħala membru ta' komunità; il-viżjoni tal-bniedem imsawwat f'Vassallo hi kemm eżistenzjali u kemm storika, jiġifieri titwieled mal-bniedem daqskemm tinstab fl-ambjent mill-bniedem. Bħal Briffa, għad li b'modi differenti, Vassallo jsib il-kenn f'żewġ illużjonijiet: l-imħabba trodd il-milja fil-ħajja privata, waqt li l-poeżija toħloq dinja ideali mixtieqa bħala alternattiva għad-dinja reali mhux mixtieqa.

Din il-viżjoni pessimista, mimlija ansjetà u sentimenti qawwija, hi mfissra madankollu b'forom poetiċi meqjusin tajjeb, b'reqqa fil-kompożizzjoni li tixhed id-dixxiplina teknika li biha l-poeta jikteb anki meta jħoss ħafna. Ir-raġuni hi implikata diġà: il-kitba tal-poeżija minnha nnifisha hi għamla ta' rebħa, fidwa mill-kundizzjoni kerha, rikostruzzjoni suġġettiva tar-realtà. Waqt li l-poeżija tesprimi ċ-ċaħda, in-nuqqas ta' kulma hu mixtieq, l-impossibilità tal-feliċità, l-istess poeżija hi faraġ kontra dan kollu.

Kontra d-determiniżmu, it-twemmin li l-bniedem hu kkondizzjonat mill-qagħda nnifisha tiegħu, f'Vassallo tixref ukoll ix-xewqa li jingħaraf kulma hu infinit, assolut. Dawn huma ż-żewġ naħat kuntrarji ta' esperjenza waħda: fuq naħa t-tiġrib tal-limitu, u fuq in-naħa l-oħra l-ħerqa li l-limitu jingħeleb. Waqt li l-lirika tiegħu tinqeda bi kliem negattiv jew li jesprimi ċaħda u esklużjoni, il-lirika tiegħu hi karatterizzata wkoll minn żewġ metafori ewlenin: in-nar u l-baħar, it-tnejn simboli ta' xi ħaġa li titbiddel, m'għandhiex forma fissa. Ir-reliġjożità profonda tgħaqqad dan kollu f'viżjoni waħda: it-tbatija hi liġi tal-ħajja, u minnha nnifisha titnissel il-ħtieġa li din tingħata tifsira.

Għadd ta' temi filosofiċi jagħtu bixra unika lil Vassallo fil-kwadru kollu tal-poeżija romantika: il-problema tal-libertà, id-diffikultà tal-bniedem biex jifhem lilu nnifsu u lid-dinja ta' madwaru, l-individwalità bħala proċess tqil ta' għarfien, il-problema tal-ħażen, il-misterjożità ta' Alla. Dawn u oħrajn, imfissrin xi drabi b'qilla u drabi oħra b'diqa, huma lkoll xhieda li l-poeta mhux biss jesprimi kulma jġarrab iżda janalizzah waqt li jesprimih. Il-lirika tiegħu hi sikwit taħlita ta' kunċetti u sentimenti, għamla ta' raġunament meqjus imlibbes il-forma ta' poeżija intensa. Vassallo jilħaq l-ogħla livell meta jasal biex lil din il-qagħda ġewwiena tiegħu jsarrafha f'damma ta' metafori, f'dokumenti ta' immaġinazzjoni li tirrappreżenta u tiffigura qagħda tar-ruħ, f'espressjoni li ma tibqax djarju persunali iżda ssir manifest ta' razza muġugħa waħda.

**L-għeluq tal-perjodu romantiku**

Dawn il-poeti ewlenin flimkien ma' oħrajn, bħal Ġużè Chetcuti, Ġorġ Pisani u Ġużè Delia, issoktaw it-tradizzjoni li mis-seklu dsatax baqgħet nieżla bla qtugħ sa tmiem l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin u wara wkoll. Jekk il-poeżija Ewropea u l-aktar Mediterraneja, kienet imxiet wisq iżjed 'il quddiem biex tesplora kontenuti

oħra u tesprimihom b'forom ġodda, il-poeżija Maltija baqgħet titnikker fl-imgħoddi sewwasew għaliex baqgħet tirrifletti l-qagħda Maltija, maqtugħa sas-sittinijiet f'bosta xejriet mill-ħajja kontinentali u dinjija. Ir-rabta tal-poeżija Maltija ma' tradizzjoni tematika-formali li għaddiet, mela, ma kinitx ħlief xhieda tal-fedeltà tal-poeti lejn ir-realtà kontemporanja f'pajjiżhom. Ir-ritmu tat-tibdil politiku-soċjali Malti huwa dokumentat fil-poeżija, daqskem fil-ġeneri l-oħra, li tfakkar f'epoki letterarji li kienu ilhom li għaddew.

Iż-żmien bejn tmiem it-tieni gwerra dinjija u l-Indipendenza, medda ta' madwar ħamsa u għoxrin sena, fih snin ta' taqlib politiku u kulturali kbir fl-istorja Maltija. Madankollu kienu aktar l-aħħar snin li qegħdin jagħlqu fażi storika milli l-ewwel snin li qegħdin jiftħu oħra ġdida. Ir-romantiċi ewlenin kienu qegħdin jiktbu l-aħħar paġni tagħhom, waqt li s-sehem ewlieni kienu ilhom li tawh. It-temi konvenzjonali—reliġjożità formali, patrijottiżmu sentimentali, valuri karatteristiċi—kienu ilhom li tilfu r-rilevanza tagħhom anki minħabba l-iskematiċità teknika u stilistika li kienu mfissrin biha. Ix-xorti kbira li sab Dun Karm kienet wasslet biex il-mudelli tiegħu jkunu ripetuti jew imħaddma b'mod jew b'ieħor, bla ebda nifs ġdid li jixhed oriġinalità persunali. Iċ-ċaqliq politiku-kulturali kien wasal biex iwelled proċess ta' tiġdid u modernizzazzjoni fil-qasam letterarju wkoll.

IT- TIENI NOFS TAS- SEKLU GHOXRIN

## It-twelid tal-Moderniżmu

Il-ħtieġa li l-letteratura Maltija wkoll tibda timxi bil-pass tal-bqija tal-kontinent bdiet tieħu sura u torganizza ruħha fl-aħħar tas-sittinijiet. Għadd ta' kittieba żgħażagħ bdew juru li l-mudelli tat-tradizzjoni ma setgħux jaqduhom aktar biex jinterpretaw kemm lilhom infushom u kemm lir-realtà ta' madwarhom. It-tiġdid kellu jkun sħiħ u wieħed: fl-għażla tat-temi, usa', ħielsa, marbutin mal-preżent, u fl-għażla tal-forom, huma wkoll mogħnija bl-istess xejriet, miftuħin għall-isperimentazzjoni. Fil-qiegħ ta' kollox hemm viżjoni differenti tal-ħajja, fiha nnifisha u fix-xeħta lokali tagħha. Mezzi ġodda ta' komunikazzjoni mad-dinja ta' barra, huma stess eżempji ta' epoka Maltija ġdida, kabbru u ħaffu l-ħtieġa tal-modernizzazzjoni. Il-bidliet kbar li seħħu fil-qasam kostituzzjonali u politiku, il-bidu tal-proċess li kellu jkisser iżolament tradizzjonali u jiftaħ lill-pajjiż għad-dinja ta' barra huma sitwazzjonijiet li minnhom infushom qanqlu l-ħtieġa li tinbena letteratura ġdida u li l-iżvantaġġ storiku tradizzjonali jibda jingħeleb.

Il-kawżi tad-dħul tal-Moderniżmu (terminu li m'huwiex preċiż, u li jħaddan firxa wiesgħa ta' elementi) ma jinstabux biss fix-xewqa tal-kittieba li jimxu bl-istess pass tal-kittieba l-oħra f'artijiet oħrajn. M'hix biss kwistjoni ta' modernizzazzjoni mixtieqa minn ġenerazzjoni differenti minn ta' qabilha. Hi hekk ukoll, għaliex ir-Romantiċiżmu Malti kien baqa' mdakkar wisq mill-mudelli tas-seklu dsatax, anki jekk dan kien siewi biex irrifletta lil realtà Maltija partikulari. Il-kawżi l-aktar profondi jinstabu fl-epoka nnifisha, fil-politika, fil-morali taż-żmien, fix-xeħta ġdida u aktar kumplessa li bdiet tieħu l-esperjenza lokali wara l-Indipendenza ta'

l-1964. Bidliet mill-qiegħ ħaxknu ġenerazzjonijiet flimkien, ġelldu waħda ma' l-oħra u nisslu l-ħtieġa li jisseddqu l-kurrenti l-ġodda tal-ħsieb u ta' l-imġiba, u għalhekk anki tal-kitba letterarja. Fi żmien qasir, l-aħħar frażi tas-sistema soċjo-kulturali tradizzjonali jew pre-moderna, il-fażi moderna u anki t-tbexbix tal-post-moderniżmu kellhom jitħalltu flimkien. F'dawn ix-xejriet jistgħu jinstabu l-kurrenti u l-konflitti riflessi fil-letteratura.

Il-ħarsa letterarja, minflok lejn awturi ta' żminijiet u kurrenti mgħoddija, bdiet tinxeħet fuq is-seklu għoxrin, żmien li kien diġà pproduċa kittieba kbar, movimenti kotrana ta' siwi kbir li kienu ilhom li tbiegħdu mir-Romantiċiżmu storiku u nisslu minnu xejriet tassew differenti jew welldu oħrajn oriġinali għal kollox. L-iżvantaġġ storiku huwa l-punt tat-tluq tal-poeti moderni Maltin; bħall-Ingliżi fil-bidu tas-seklu, li ħarsu lejn il-Franċiżi bħala l-ewwel imgħallmin li mxew 'il quddiem, hekk ukoll il-Maltin kellhom ifittxu l-punti tar-riferiment 'il barra mit-tradizzjoni Maltija. Minflok in-nazzjonaliżmu ta' qabel kellu jidħol kosmopolitiżmu jew kontinentaliżmu ġdid.

Poeti Franċiżi, Ingliżi, Amerikani, Russi u oħrajn bdew isiru għajn ta' ispirazzjoni. L-esperjenza l-ġdida kellha ssegwi x-xejriet internazzjonali ewlenin waqt li tapplikahom għal-limiti ta' pajjiż partikulari. Is-sens ta' relazzjoni bejn letteratura u oħra, li tradizzjonalment kien bejn it-Taljana u l-Maltija biss, issa beda jsir regola, kif kien ilu li sar fl-Ewropa għallinqas minn żmien ir-Rinaxximent. Il-poeta kellu jinfetaħ biex jieħu n-nifs mid-dinja, aktar milli pajjiżu biss, u jseddaq ix-xbiha tipika tiegħu ta' ċittadin universali. Aktar minn kittieb mitluf waħdu kellu jkun kollega ideali ta' oħrajn, għad li fl-istess ħin kellu jfittex li jkun ħallieq aktar milli imitatur.

### Fażijiet differenti

Fil-bidu dan it-tiġdid seħħ fi ħdan il-Moviment Qawmien Letterarju, imwaqqaf f'Novembru 1966 u mħabbar uffiċjalment f'Jannar 1967. Maż-żmien kull poeta kellu jsib l-individwalità tiegħu, lilhinn mill-grupp li l-għan ewlieni tiegħu kien li joħloq kuxjenza, ixandar ġabra ta' prinċipji u jsaħħaħ it-twemmin fil-ħtieġa li l-kitba Maltija tkun kontemporanja fix-xejriet tagħha kollha. Il-protesta soċjali, it-tneħħija ta' għadd ta' preġudizzji u tabù miżrugħin fil-ħsieb Malti tul sekli sħaħ, it-tiftixa ta' identità persunali b'qisien meħudin mid-dinja tal-preżent, l-għarfien ta' reliġjożità mibnija fuq is-sens tal-misteru aktar milli fuq il-forom konvenzjonali, l-interpretazzjoni kritika ta' l-istituzzjonijiet, it-twaqqigħ tal-miti nazzjonali qodma mnisslin minn konċezzjoni idealistika ta' l-istorja, it-trawwim ta' perspettiva internazzjonali f'kollox, il-kuxjenza soċjali li twassal għal impenn quddiem kawżi lokali u dinjija, l-espressjoni li m'hix imxekkla bi kriterji barranin għaliha stess: dawn u prinċipji oħrajn jistgħu jixħtu dawl fuq id-damma tat-temi essenzjali li ftit jew wisq il-poeti kollha tas-sittinijiet ħadu sehem fihom, bi mġiba, bi stil u fi grad differenti.

Huma prinċipji u ideali mistqarra direttament fil-Polemika Tas-Sittinijiet, u xi drabi mfissra fil-poeżiji stess. In-narrattiva moderna, imbagħad, hi saħansitra mibnija fuqhom. Hekk jitwieled il-kunċett ċentrali tal-Moderniżmu Malti: l-individwu waħdu, fil-kosmos daqskemm fis-soċjetà. Hi reazzjoni kontra l-unanimità li, bħala regola, tikkaratterizza l-kontenut u t-trattament tal-poeżija romantika li bdiet bħala għarfien ta' l-individwalità persunali u kollettiva u maż-żmien inħliet fl-għarfien ta' realtà statika. Ir-Romantiċiżmu Malti kien spiċċa b'koralità li teħodha kontra l-qofol oriġinali tiegħu stess.

Miṅkejja d-differenzi, hemm kunsens fl-għanijiet u xebh kbir fil-mezzi espressivi. Dan il-qbil fit-twemmin elementari jfisser li din hi l-esperjenza poetika ta' moviment, jew kurrent li kien qiegħed ifittex li jisseddaq bħala l-qofol tal-poeżija Maltija ta' dak iż-żmien. Għall-ewwel darba fl-istorja tal-letteratura Maltija, grupp ta' kittieba nidew programm li hu kollu kemm hu letterarju, ħieles mix-xkiel tradizzjonali ta' ħidma favur il-lingwa, imnissel minn ħtieġa spiritwali riflessa fl-epoka stess.

Il-poeżija tas-sittinijiet, mibdija bħala proposta ta' grupp żagħżugħ, għandha xejriet mistennija minn din il-kundizzjoni. Hi poeżija bikrija, sikwit sajma mill-kalma meħtieġa biex tinħoloq kitba ta' siwi estetiku, u xi drabi hi rettorika, elokwenti iżżejjed, enfatika, influwenzata fid-deher mill-imgħallmin il-kbar tas-seklu fl-Ewropa u fl-Amerka. Għal xi żmien il-poeżija Maltija tilfet il-bixra fundamentali tagħha ta' esperjenza Mediterranja, u ddakkret iżżejjed minn mudelli li ma kellhomx għeruq fondi fil-kultura tar-reġjun, jiġifieri lanqas tal-pajjiż. Hi l-fażi bikrija ta' l-isperimentazzjoni, perijodu ta' tiftix tal-kontenuti u tal-forom li setgħu jaqblu kemm max-xeħta persunali ta' kull awtur u kemm mal-karattru tal-kultura poetika tal-Mediterran.

Fi ftit snin il-poeżija kellha tgħaddi għal fażi oħra, aktar meqjusa u kalma, iżjed mirquma letterarjament, imneżżgħa mil-limitazzjonijiet li l-kawża tal-moderniżmu stess, bħala proġett maħsub u mixtieq, kienet imponiet fuq il-kreattività ta' kull poeta. Matul is-sebgħinijiet il-poeżija l-aktar valida reġgħet għarfet il-qofol essenzjali tat-tradizzjoni minn fejn ħarġet mingħajr, madankollu, ma waqfet hemm jew reġgħet lura. L-aħjar xogħlijiet tal-poeti ewlenin fis-sebgħinijiet u fit-tmeninijiet huma r-riżultat ta' maturità u ekwilibriju, maħluqin lilhinn mill-manifesti kollettivi, imfissrin skond lehma u strateġija persunali li issa kull poeta kien skopra għalih. Il-lingwaġġ issaffa minn elementi polemiċi jew rettoriċi; il-bilanċ bejn il-vokabularju Semitiku u l-vokabularju Romanz intlaħaq; il-forom konvenzjonali, l-aktar l-istrofi u l-versi metriċi regulari, reġgħu kisbu l-importanza naturali tagħhom, imseħbin mal-forom xierqa l-oħra, skond il-ħtieġa u l-għażla; il-metafori kisbu mill-ġdid il-karattru persunali, emotiv li kienu tilfu f'perijodu meta l-metafori ċerebrali tqiesu bħala l-għażla ewlenija u awtomatika.

Fuq kollox, il-poeżija reġgħet daħlet fil-kanal filosofiku-riflessiv tipiku tagħha, kif inhi fit-tradizzjoni Mediterranja kollha. Tfaċċaw mill-ġdid, imfissra dejjem modernament, il-kriżi eżistenzjali tal-bniedem bħala moħħ li jrid jifhem, ir-

riflessjoni fuq il-liġi tat-tbatija, it-tiftixa tal-milja persunali fl-imħabba, l-għarfien tal-misterjożità tal-ħolqien u l-ħtieġa tad-djalogu mal-ħlejjaq kollha, il-biża' miż-żmien li jgħaddi u jeqred, is-sens tas-solitudni f'dinja paradossali u kbira wisq għall-individwu, il-bżonn tal-kuxjenza li tibni relazzjoni mad-dinja ta' barra, l-ambigwità tal-qagħda tal-bniedem sensittiv f'dinja maħkuma mill-konflitti u mill-gwerer. Aktar minn qabel, l-istess poeta ħerqan li jkun rilevanti soċjalment u li jleħħen l-ansjetajiet ta' kotra siekta huwa wkoll il-poeta li jħossu mħolli barra jew maqtugħ mill-istess sistema soċjali, politika u kulturali. Is-sens qawwi ta' l-iżolament, tipiku fl-abitant tal-gżira, hu mogħti mill-ġdid dimensjonijiet mhux biss persunali iżda universali. Ir-reliġjożità ta' qabel hi sottilizzata, imlaħħma aktar mat-twegħir, imfissra skond individwalità mġarrba.

Il-kontinwità li dehret li nqatgħet għal ftit snin fi tmiem is-sittinijiet reġgħet dehret bħala liġi li ma tistax tinkiser, l-iżjed fi ħdan l-istorja tal-poeżija ta' gżira żgħira. It-twemmin romantiku tas-seklu dsatax, imġedded u żviluppat b'bosta modi f'għadd ta' movimenti li ġew wara, kien laħaq ħejja l-ħamrija fejn setgħet tinbet il-kuxjenza eżistenzjali. Ir-relazzjoni, ta' konfront daqskemm ta' diversifikazzjoni, li tressaq liż-żewġ movimenti filosofiċi u letterarji flimkien tista' tispjega ħafna kulma seħħ fl-istorja tal-poeżija Maltija minn Dun Karm sa Mario Azzopardi u l-moderni l-oħra. L-Eżistenzjaliżmu Franċiż għandu l-istess importanza fit-twelid u fl-iżvilupp tal-moderniżmu Malti li għandu r-Romantiċiżmu Taljan għall-esperjenza ta' qabel.

**L-identità bħala proċess kreattiv**

Charles Coleiro (t. 1935) jorbot lill-imgħoddi mal-preżent bis-sempliċità ta' tradizzjonalista miftuħ għaż-żmien il-ġdid. Il-poeżija tiegħu tħaffef il-mudelli rettoriċi qodma mingħajr ma tiċħadhom. It-temi tiegħu huma mxettlin f'kuxjenza li tfittex il-punti komuni bejn in-naħiet opposti jew diversi. Il-ħerqa tiegħu li jieħu sehem fix-xejriet taż-żmien hija mrażżna fl-istess ħin min-nostalġija għat-tradizzjoni.

Victor Fenech (t. 1935) hu wieħed mill-poeti li jfittxu li jinqatgħu l-aktar mill-forom tat-tradizzjoni. Ix-xewqa tiegħu li l-poeżija ma tinqatax mill-proża, anzi mill-għamliet tat-taħdit kurrenti, hi riflessa fil-biċċa l-kbira tax-xogħlijiet tiegħu, u kienet hi li wasslitu saħansitra biex iwaħħad flimkien liż-żewġ ġeneri, biex bħallikieku minnhom jitwieled ieħor ġdid. L-indeċiżjoni, id-delużjoni bl-istituzzjonijiet, in-nostalġija għal utopija li fil-fatt qatt m'hi magħrufa, il-jedd ta' l-individwu li jseddaq lilu nnifsu u jikseb jeddijietu, il-kuxjenza soċjali u internazzjonali, is-sens ta' immedjatezza li għandu jkollha l-poeżija: dawn huma wħud mix-xejriet li jiddistingwu lil Fenech u li jiddefinuh tul il-mixja poetika tiegħu kollha.

Achille Mizzi (t. 1936) jġedded ix-xejriet ta' klassiċiżmu li fis-sewwa ftit li xejn għandu storja fil-poeżija Maltija ta' qabel. Il-kelma tiegħu hi dejjem magħżula b'reqqa, imqiegħda f'postha bi ħsieb meqjus biex taqdi funzjoni kemm semantika

u kemm ritmika. Il-Malti tiegħu jlaqqa' flimkien kliem qadim u kliem ġdid, maħruġin minn għejjun differenti, ilkoll imqegħdin f'sistema organika, bi pjan li fih tinħass l-id ta' koltivatur tal-kelma fid-dimensjonijiet tagħha kollha. Il-metrika tiegħu ma tiċħadx il-mezzi li toffrilu t-tradizzjoni, u ħafna mill-versi tiegħu huma regulari; madankollu, ir-regolarità ta' bosta siltiet hi mżewġa mal-varjetà ta' siltiet oħrajn li matulhom tidwi sistema metrika kollha kemm hi persunali.

Is-sigrieti dejjiema tan-natura mikxufin bis-saħħa tax-xjenza moderna, il-paradossalità tal-ħolqien daqskemm taċ-ċiviltà, id-delużjoni b'għadd ta' ideali, is-sagralità tal-poeżija mifhuma bħala l-ogħla forma ta' espressjoni tal-bniedem, it-twemmin fil-prinċipju klassiku-romantiku li l-poeta hu dejjem imnebbaħ meta jikteb, is-senswalità naturali li hemm f'kull relazzjoni bejn is-sessi, is-seħer ta' l-univers kif inhu osservat mid-dinja b'kurżità reliġjuża, it-tiftixa tas-sens taż-żmien u ta' l-ispazju: temi bħal dawn isawru viżjoni lirika li bħala regola hi mfissra b'kalma tipika ta' poeta klassiku. Aktar minn ċerebrali jew intellettwali, Mizzi hu poeta ta' intensità emotiva kbira li madankollu hi mrażżna minn għadd ta' fatturi psikoloġiċi u minn kredu poetiku li jxandar il-ħtieġa li l-poeta jissuġġerixxi, jagħti ħjiel, jevoka, aktar milli jistqarr, jafferma u jikkonkludi fid-deher. Il-konklużjonijiet tiegħu, sikwit epigrammatiċi, għalhekk jistgħu jitqiesu bħala kontenut sentimentali maħkum, ridott għall-minimu tiegħu li jagħtih is-sura ta' kunċett.

Il-mużikalità tal-versi, il-bilanċ fil-ħsejjes bejn kelma u oħra, id-densità konsonantali tal-lessiku tiegħu, is-solennità li biha vers jgħaddi għal ta' warajh huma l-aspetti formali ta' kontenut li hu mimli bil-metafori. Ftit huma l-intervalli ta' taħdit letterali, u rari ħafna huma s-siltiet li jidħlu fil-proża. Il-mogħdija minn metafora għal oħra mhux biss toħloq atmosfera ta' liriċità kontinwa u konsistenti, iżda tgħabbi kull poeżija b'ħażna sħiħa ta' interpretazzjonijiet. Il-poetika klassika li hu nnifsu jistqarr li jemmen fiha hi mseddqa b'dan il-mod: il-poeżija m'hix ħlief l-istħarriġ, it-tiġrib u ċ-ċelebrazzjoni tal-misteru li jtektek f'kull wirja li joffri l-univers, u l-lingwa tal-misteru hi s-simbolu. It-tqegħid oriġinali tal-metafori flimkien mhux biss hu l-prova ta' poeżija awtentika iżda wkoll xhieda tal-modernità ta' Mizzi.

Il-lezzjoni ewlenija tal-moderniżmu kontinentali li Mizzi daħħal fil-poeżija Maltija hi li r-rettorika l-qadima għandha titwarrab mhux biex tagħti postha lil rettorika ġdida iżda biex l-ispazju kollu jittieħed mill-metafora, il-lingwa unika tal-poeta. Hekk tinbena l-poeżija ta' l-implikazzjoni. Din il-komplessità fil-kompożizzjoni toħloq l-impressjoni li din hi poeżija oskura, impenetrabbli, bħallikieku bħall-ermetiċi huwa qiegħed jagħmel djalogu miegħu nnifsu biss. Għall-kuntrarju, malli jingħaraf il-punt loġiku minn fejn jitlaq il-poeta, u malli tinstab ir-rabta bejn metafora u oħra marbutin flimkien, ikun instab il-metodu kreattiv ta' Mizzi; minn hemm 'il quddiem anki l-kunċett ikun jista' jingħaraf fis-sustanza emotiva vera tiegħu. Il-qoxra klassika hi moderna għaliex, minbarra x-xejriet tekniċi msemmija, taħtha hemm passjonalità, qawwa spiritwali li titfisser

bix-xbihat. Anki Mizzi jieħu sehem, bil-mod kollu kemm hu tiegħu, fit-tradizzjoni tal-poeżija li tiskopri d-diqa bħala l-fażi meta l-misteru jkollu jitfisser biss bil-metafori, l-oppost tal-kunċetti, il-lingwa tar-raġuni safja.

Daniel Massa (t. 1973) jibni hu wkoll il-poeżija fuq ġabra ta' xbihat imseħbin flimkien, xi drabi f'relazzjoni mill-qrib u drabi oħra mħollijin weħidhom, bħal tema mużikali li tinstema' biex tevoka u mhux biex tkun żviluppata. Il-mużikalità tal-mewġa ritmika tiegħu hi aspett importanti ħafna tal-poeżija tiegħu kollha; l-armonjożità, l-ekwilibriju fit-tqassim ta' l-aċċenti u l-bilanċ bejn is-sillabi aċċentati u s-sillabi mhux-aċċentati huma d-diwi ta' serenità kontenutistika li bħala regola hi tipika tiegħu. Il-versi tiegħu, imħalltin u sikwit imlaqqgħin flimkien biex tidher id-differenza teknika bejniethom, huma kemm mudelli regulari u kemm ir-riżultat ta' modifikazzjonijiet persunali; hi xejra li, mill-bqija, tispjega ħafna minn kulma jiġri fil-metrika tal-poeti moderni. Il-vokabularju tipiku tiegħu jgħum bejn żewġ estremi: bejn kliem ħafif u komuni u kliem rari li bħallikieku għandu l-funzjoni li jidher fl-uniċità tiegħu.

Il-mudell immaġinattiv ewlieni, aktarx fundamentali, tiegħu huwa l-baħar. Il-bniedem ta' Massa m'huwiex Malti, jew hu Malti b'kuxjenza Mediterranja mkabbra f'kuxjenza kosmika. Ir-relazzjoni storika, lokali, bejn il-bniedem u l-baħar titbiddel malajr f'metafora tal-kundizzjoni eżistenzjali stess. Għal Massa l-essri uman huwa għawwiem, maħluq biex "jgħum" fi spazji fejn it-truf u l-għamliet ta' l-affarijiet huma ambigwi, mimlijin tifsiriet moħbija, sottili, u forsi ogħla mill-ħila tal-bniedem li jagħrafhom. M'humiex misteri li jnikktu iżda li jsaħħru u jwebblu, iqanqlu fil-kuxjenza xewqa akbar għall-ħajja, sabiħa fil-paradossalità, interessanti sewwasew għaliex m'hix ovvja.

L-ansjetà tiegħu m'hix tal-poeta tipiku Malti, jew Mediterranju, u t-tradizzjoni filosofika ma tikkontribwixxix wisq għall-formazzjoni tal-persunalità tiegħu bħala poeta kolt, li jitlaq minn ħsieb biex jasal sa emozzjoni. Il-kunċett li hu jitlaq minnu jispiċċa biex isir simbolu, oġġett li jeżisti fih innifsu, ogħla mil-liġijiet taż-żmien u ta' l-ispazju. B'kuntrast ma' Mizzi, il-kontroll sħiħ ta' Massa fuq il-fakultà emotiva hu mixtieq, u ftit li xejn jista' jitqies bħala l-qoxra "letterarja", virili, ta' kontenut passjonali moħbi, imniżżel fil-qiegħ biex jinħeba. Ir-reqqa teknika tiegħu, l-istrateġija meqjusa li biha jikkomponi, biċċa biċċa, kull poeżija hi għalhekk rifless fidil ta' ekwilibriju ġewwieni li kważi qatt m'hu mitluf jew imhedded. Il-poeżija mhix miktuba, bħal fil-każ ta' diversi poeti oħrajn, biex jitfisser jew ikun sublimat l-ekwilibriju mixtieq jew biex tinkiseb għamla ta' terapija psikoloġika (il-każ ta' Karmenu Vassallo, Rużar Briffa, Mario Azzopardi, Doreen Micallef) iżda biex ikun iċċelebrat l-ekwilibriju mġarrab diġà.

Minkejja riferimenti għal ġrajjiet storiċi, il-poeżija ta' Massa ma tingħalaqx fil-qafas ta' perijodu partikolari, ma tinterpretax fażi fil-mixja taż-żmien. F'dan is-sens m'hix espressiva jew riflessiva wisq tal-perijodu Malti jew dinji meta nkitbet. L-għawwiem imsemmi huwa annimal dejjiemi, il-kejl tiegħu hu etern, u hekk huma l-konklużjonijiet li jasal għalihom fl-għawma kontinwa tiegħu. Il-baħar huwa mill-

ġdid "żagħżugħ ta' dejjem". Lanqas fil-poeżija ekoloġika m'hemm interruzzjoni ta' din is-serenità. Fil-waqtiet meta jiddefendi l-ambjent (annimali, postijiet), Massa jikkundanna l-waqfa umana tal-proċess li hu jaf li madankollu ma jistax jieqaf. Anki l-bniedem, invażur fil-ħolqien bħall-bniedem ta' Buttigieg, m'huwiex setgħani biżżejjed biex iħassar għal kollox l-armonija ta' l-eżistenza.

Mario Azzopardi (t. 1944) hu l-poeta li terraq l-aktar fl-oqsma ta' l-istil u tat-tematika. Il-mixja tiegħu tingħaraf minn ta' kull poeta ieħor għaliex fiha għadd ta' fażijiet differenti, xi drabi kuntrastanti, ġellieda ma' xulxin, alternattivi ta' xulxin, ilkoll dokumenti ta' esperjenza umana li hi riflessa bil-fedeltà kollha fil-poeżija. Azzopardi jibda bħala protagonista nervuż tat-tiġdid, ribell li jrid jidħol minnufih fil-ġejjieni tal-poeżija Maltija daqskemm ta' l-istorja lokali li hu jaf li timxi bil-mod. Għalhekk il-paradoss ewlieni tal-persunalità u ta' l-opra tiegħu kollha: fihom hemm ir-rifless tal-perijodu tiegħu daqskemm hemm sfida provokanti għalih.

Il-poeżija bikrija tal-protesta, żviluppata f'għamliet differenti 'l quddiem ukoll, hi mnissla mill-konvinzjoni li l-poeżija romantika setgħet ma kinitx rilevanti fi żmienha waqt li żgur m'hix fil-preżent; fiha m'hemmx mela l-universalità li tgħinha tegħleb il-limiti taż-żmien. Fil-fatt l-ispirazzjoni żagħżugħa ta' Azzopardi bħallikieku teħodha kontra l-prinċipju ta' l-universalità. Il-poeżija tiegħu tibda biex tieħu s-sura ta' kumment dirett, anki jekk diġà metaforiku, sikwit imxeblek ma' l-ironija, imwassal b'lessiku li ma jafx limiti jew kriterji. F'xi waqtiet Azzopardi jirnexxilu juża kliem meqjus bħala vulgari b'effett li jqanqal ħafna patos, jissuġġerixxi sens ta' traġedja u fl-aħħar ir-rabja. Il-kelma vulgari tispiċċa biex il-kuntest ma jħallihiex aktar vulgari u jirrendiha "agħar": verdett li jikkundanna storja, kultura u soċjetà minn fuq s'isfel. Hi t-tweġiba l-ġdida għad-distakk qadim bejn il-poplu u l-poeta, l-alternattiva għal poeżija meqjusa bħala kitba innoċenti, xejn skomda u perikoluża, kważi oġġett li juri l-irrivelanza tiegħu stess sewwasew billi jeżisti. Istituzzjonijiet, valuri, drawwiet, interpretazzjonijiet ta' l-istorja, miti nazzjonali, persunaġġi huma lkoll elementi li fil-poeżija ta' Azzopardi, aktar milli fihom infushom, jidhru bħala materja li biha jibni l-viżjoni kritika tiegħu.

L-universalità tintlaħaq minn Azzopardi meta, lilhinn mill-polemika ma' l-istorja, jiskopri l-ansjetà li m'għandhiex żmien u spazju fissi. Minn issa 'l quddiem il-mudell immaġinattiv tal-vjaġġatur isir il-mezz ewlieni li bih hu jagħti sura lill-bniedem bħala investigatur tad-dilemmi eżistenzjali: l-imħabba li ma tiftihemx, id-diffikultà tal-wieħed fost il-ħafna, il-misterjożità femminili fl-għajnejn maskili, il-ħtieġa li Alla jkun definit, ir-relazzjoni bejn is-senswalità u l-mistiċiżmu, il-funzjoni tal-memorja bħala fakultà isħeħ mir-rieda, il-problema ta' l-identifikazzjoni persunali, l-ambigwità ta' kull relazzjoni tas-suġġett ma' l-oġġetti, l-imħabba u l-mewt bħala opposti u varjanti ta' xulxin. Fil-formazzjoni tal-lirika ta' Azzopardi tidħol tradizzjoni sħiħa li hu jġarrabha mhux biss fil-mixja kulturali tiegħu iżda anki biex jislet minnha wħud mill-metafori.

L-introspezzjoni tispjega għala l-waqtiet ewlenin tiegħu huma mfissrin f'għamla ta' monologu, b'ritwalità privata li xorta żżomm xejriet tat-tradizzjoni, b'lingwaġġ mimli tenerezza u traġiċità, b'rażan stilistiku li jaħbi qawwiet qodma li ma mitux għal kollox. Il-vjaġġ huwa anki tekniku. Il-mewġa ritmika, il-pawsi, il-binja sintattika mnaqqsa għall-minimu, it-ton litaniku huma l-mezzi letterarji li jaqblu għal kollox mal-qagħda ġewwiena li l-poeta qiegħed ifittex li jbiddilha f'sensiela ta' ħsejjes, u sewwasew f'lirika li issa trid tersaq kemm tista' lejn il-mużika. F'kuntrast ma' Massa, li madankollu jinqeda b'għodod differenti, l-armonjożità formali ta' Azzopardi m'hix espressjoni ta' serenità miksuba u mġarrba, iżda evokazzjoni ta' serenità li għadha mixtieqa. Hi poeżija diretta lejn il-futur u mhux lejn il-passat.

Il-metafora stess tal-vjaġġatur hi rifless tat-tul u tal-kumplessità tal-vjaġġ: minn poeżiji li jirrakkontaw il-vjaġġi reali tiegħu Azzopardi għadda għal poeżiji li jinvestigaw il-vjaġġ spiritwali. Id-dimensjoni ta' l-ispazju hi wkoll differenti għal kollox: qabel kien l-ispazju definit jew definibbli tal-beraħ, u issa hu l-ispazju misterjuż u ambigwu tal-qagħda tar-ruħ. Mingħajr ma jindikaw, u biss billi jagħtu l-iċken ħjiel, għadd ta' liriċi ta' Azzopardi joħolqu l-ambjent ta' kamra magħluqa, infinita fil-limitatezza tagħha. Il-klawstrofobija bikrija li kienet spazjali, Maltija fil-bidu, twessgħet fi klawstrofobija eżistenzjali, psikoloġika. L-ambjenti fiżiċi li qabel sarrfu ċerti poeżiji tiegħu fi kwadretti, spiċċaw biex tbiddlu f'ambjenti metafiżiċi, dokumenti ta' viżjoni sħiħa tal-ħajja.

Philip Sciberras huwa l-poeta tal-kultura, l-imħallef ta' sensiela ta' kunċetti misluta mill-istorja tal-filosofija u tal-letteratura li maż-żmien tlaħħmu miegħu u spiċċa biex ġarrabhom fl-ewwel persuna. L-ansjetà eżistenzjali tiegħu titla' minnufih u sa minn kmieni fil-wiċċ, xi drabi biex titfisser b'mod dirett, drabi oħra biex tingħata verdett ċiniku, waqtiet oħrajn biex hu nnifsu saħansitra jagħraf fiha l-identità proprja tiegħu. Hi relazzjoni ambigwa mal-ħsieb mifhum bħala kriżi fiha nnifisha tal-moħħ: il-poeta hu mnikket meta jaħseb u huwa kburi li jaħseb. Il-poeżija ma ssolvi xejn għaliex minnha nnifisha m'hix mifhuma bħala soluzzjoni; hi l-forma sublimi li tingħata lill-problema.

Ir-relazzjoni hi minnha nnifisha l-qofol tematiku ta' Sciberras. Hi diffiċli miegħu nnifsu, unità ta' partijiet differenti jew saħansitra ta' persuni diversi; hekk hi wkoll mal-kultura, għaliex nieqsa mis-setgħa li tbiddel lin-natura; hekk ukoll hi mal-politika, ħidma ta' ideali li ma jintlaħqux. Din l-esperjenza hi mfissra b'lingwaġġ li ma jitbiegħedx ħafna mit-taħdit komuni kemm fl-għażla tal-kelma u kemm fil-binja sintattika u fl-intonazzjoni. Il-metrika hi varjata b'taħlita ta' mudelli fissi u oħrajn maħluqin fil-proċess tal-kitba. L-għażla metaforika, meħuda minn oqsma tat-tiġrib ta' kulħadd, għandha xi drabi xeħta ċerebrali u drabi oħra xeħta emotiva. Hi xhieda ta' poeta li jikteb bid-dispożizzjoni doppja ta' xi ħadd li jiżvolġi l-argument u xi ħadd li jiskopri l-intwizzjoni.

Oliver Friggieri jagħraf ir-rabta li hemm bejn poeżija u oħra billi mhux biss juri li hemm kontinwità bejn poeżija u oħra, iżda wkoll billi jisħaq fuq l-istess mudelli metriċi. Il-biċċa l-kbira tal-poeżiji tiegħu huma miktubin bl-endekasillabu,

bħallikieku biex bejniethom isawru xogħol twil u sħiħ wieħed magħmul minn sensiela ta' mumenti. It-tonalità tiegħu hi bejn solenni jew klassika, u diskursiva jew moderna, għamla ta' kompromess li jidher ukoll fl-għażla tal-metafori u tal-lingwaġġ. Huwa jinsisti fuq għadd ta' mudelli immaġġinattivi mtennija, ilkoll imħaddmin b'mod differenti f'waqtiet differenti. Kontenut emotiv qawwi hu msieħeb ma' kontenut filosofiku, it-tnejn imfissrin b'mod li l-emozzjoni u l-filosofija jidhru sħab ta' xulxin u mhux opposti. It-temi ewlenin tiegħu huma r-relazzjoni ma' Alla u mal-ħolqien meqjusin fil-misterjożità tagħhom, l-ambigwità ta' l-imħabba, is-supremazija tal-mewt bħala verità li kull kuxjenza hi mmexxija minnha.

Doreen Micallef tirriduċi l-poeżija għal sensiela ta' sentenzi li jroddu l-impressjoni ta' stqarrija kontinwa li m'hix jew ma tistax tkun mitmuma. Hemm rabta mill-qrib bejn xogħol u ieħor, ilkoll paġni minn djarju awtobijografiku li fil-proċess tiegħu jixħet l-implikazzjonijiet fuq l-eżistenza fiha nnifisha. Id-djalogu tagħha, ma' persuna li hi kemm reali u kemm ideali, hu l-espressjoni ta' monologu ġewwieni; hi l-poeżija li tagħtih id-definizzjoni ta' diskors ma' xi ħadd. Il-lingwaġġ hu dejjem imsoffi minn kull ħjiel ta' rettorika, ridott għall-minimu, imżewwaq b'bosta mudelli ripettitivi, ilkoll xhieda tat-tip ta' qagħda eżistenzjali li Micallef qiegħda tesprimi letterarjament. Id-delużjoni, li timplika twemmin f'għadd ta' ideali, u l-isforz biex ma titwaqqafx kull illużjoni huma ż-żewġ naħiet estremi li fi ħdanhom tiżvolġi ruħha l-esperjenza mfissra f'poeżija. Waqt li kollox jimplika viżjoni ta' l-eżistenza, inevitabbli u traġika, Micallef tikteb poeżija li hi l-aħħar fażi ta' proċess sħiħ ta' riflessjoni, l-aħħar kumment, imleħħen, ta' monologu ġewwieni li baqa' ma nkitibx.

Għadd ta' poeti oħrajn, li nħadmu huma wkoll matul medda ta' snin meħtieġa biex timmaturahom, jimlew huma wkoll il-kwadru żgħir tal-poeżija Maltija fi tmiem is-seklu għoxrin, kwadru li ftit jew wisq hu diġà definit u mitmum b'dawn it-temi u l-forom espressivi mifruxin tul ftit inqas minn nofs seklu. Albert Marshall hu l-poeta tal-provokazzjoni u ta' l-ironija, imwebbel dejjem minn spunti tal-bidu li maż-żmien tbiddlu f'ideali mwaqqgħin, f'ħolm li ma seħħx. Joe Friggieri huwa liriku li jsarraf kontenuti filosofiċi fi kwadretti li jħalltu d-diqa, l-ironija, it-tama u d-distakk flimkien; b'ton diskursiv, informali, daqskemm b'eleganza bla rettorika, jippreżenta l-ansjetajiet ta' ġenerazzjonijiet imweġġgħa daqskemm ta' umanità li baqgħet fejn kienet dejjem. Ġorġ Borġ jibqa' l-poeta sempliċi maqtugħ mir-realtà ta' l-epoka, imbeżża' jew miftum mill-ħsieb, ħerqan li jbiddel it-tfulija dejjiema f'idillju, fi kwadrett ħafif, f'damma ta' ħsejjes li jixxiebhu; bħala alternattiva għall-kumplessità ta' l-oħrajn, jedha bil-metafori sempliċi, bil-versi li donnhom huma l-kurunella moderna, it-tħannina li l-adult ma jridx jinqata' minnha.

Charles Flores jinsisti dejjem li jżewweġ lill-poeta mal-ġurnalista, lill-bniedem li jintwixxi l-veritajiet mal-bniedem li jiskopri r-realtajiet; il-kronaka tħuf xi mkien fl-isfond, imtaħħta għal verdett li jrid jasal, u hu l-verdett poetiku. Taħt kollox hemm kumplessitajiet li ebda viżjoni poetika ma tħoll, ebda proġett kulturali ma

jbiddel; il-poeta jispiċċa biex fl-aħħar mill-aħħar jegħleb lill-ġurnalista, pass li jseħħ anki stilistikament. Raymond Mahoney jibni fuq it-tifkiriet, bħallikieku qiegħed iqalleb fi storja wisq itwal mill-medda ta' ħajtu, u jsensel flimkien xewqat u kummenti li issa jitbiddlu f'lingwaġġ metaforiku, hu wkoll turija ta' l-ideal bikri li r-realtà titbiddel f'poeżija. Mill-għarfien ta' l-impossibilità li dan iseħħ, tispunta l-lirika tiegħu nostalġika, allużiva, malinkonika. Ġorġ Peresso jesplora l-possibilitajiet tiegħu li jsarraf il-poeżija f'meditazzjoni privata-pubblika, f'espressjoni sottili u fl-istess ħin diretta, f'talba lil Alla mdaħħal għal kollox fil-limiti ta' l-istorja. Kontenut Teoloġiku u politiku jispjega ħafna minn kulma jagħmel hu u jikteb il-poeżija bħala kronaka spiritwali kemm tiegħu u kemm ta' żmienu.

L-aħħar fażi tal-poeżija Maltija, li tagħlaq ukoll is-seklu għoxrin, waqt li tingħaraf minnufih f'termini ta' żmien, tingħaraf ukoll skond qofol ċar li kien definit minn għadd żgħir ta' poeti ewlenin fis-snin sebgħin-tmenin, b'kontinwazzjoni fid-disgħinijiet. Fil-prattika dan ifisser li l-proċess imniedi fi tmiem is-snin sittin sab il-milja naturali tiegħu żmien wara. Fi tmiem is-seklu kollox jindika tkomplija u varjazzjoni żgħira ta' qofol li jingħaraf. Mill-bqija, fil-qiegħ tagħha l-poeżija moderna Maltija għandha s-saffi tas-sensibbiltà tar-romantiċi, livelli differenti ta' niket eżistenzjali, li l-epoka l-ġdida esponietu għal sfidi akbar, tatu punti ta' riferiment usa', talbet minnu żviluppi kbar, u fuq kollox esiġiet li jkun imfisser b'modi differenti ħafna. Dan kollu jiftiehem aħjar jekk jitqiegħed fil-kuntest proprju tiegħu: il-poeżija Mediterranja. F'dan id-dawl, il-moderniżmu poetiku Malti trawwem u sseddaq biżżejjed biex jingħata interpretazzjoni xjentifika.